KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
HOGAN
ippreżentati fil-11 ta' Frar 2020[1]

Kawża C-686/18

OC *et*,
Adusbef,
Federconsumatori,
PB *et*,
QA *et*
vs
Bank tal-Italja,
Presidenza del Consiglio dei Ministri,
Ministero dell'Economia e delle Finanze,
partijiet magħquda:
Banca Popolare di Sondrio ScpA,
Veneto Banca ScpA,
Banco Popolare – Società Cooperativa,
Banco BPM SpA,
Ubi Banca SpA,
Banca Popolare di Vicenza ScpA,
Banca Popolare dell' Etruria e del Lazio SC.
Unione di Banche Italiane SpA,
Banca Popolare di Milano,
Unione di Banche Italiane – Ubi Banca ScpA,
Amber Capital Italia SGR SpA,
Amber Capital UK LLP,
Coordinamento delle associazioni per la tutela dell'ambiente e dei diritti degli utenti e consumatori (Codacons),
RZ *et*.

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Regolament (UE) Nru 575/2013 — Artikolu 29 — Regolament ta' Delega (UE) Nru 241/2014 —Artikolu 10 — Regolament (UE) Nru 1024/2013 — Artikolu 6(4) — Artikoli 16, 17 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Dritt tal-kumpanniji —Artikoli 49 u 63 TFUE — Limitu ta' attiv ta' EUR 8 biljun li lil hinn minnu l-bank popolari huwa obbligat li jittrasforma ruħu f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata — Dritt tal-kumpanija li tiddifferixxi jew li tillimita, anki għal żmien indeterminat, it-tifdija tal-azzjonijiet tas-soċju li jirtira"

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

I. Introduzzjoni

1. Il-banek kooperattivi għandhom tradizzjoni twila f'diversi stati Ewropej. Huma bdew f'nofs is-seklu 19, bl-istabbiliment tal-Volksbanken fil-Ġermanja u l-building societies fir-Renju Unit. Dawn il-kooperattivi jew istituzzjonijiet mutwali ta' kreditu ġeneralment segwew il-prinċipju ta' persuna waħda għal vot wieħed. Dawn il-banek kienu oriġinarjament stabbiliti bħala alternattiva għall-banek kummerċjali tradizzjonali bbażati fuq il-profitti. Il-banek kooperattivi fittxew li jippromwovu l-ekonomija fl-użu tal-flus, jipprovdu aċċess għall-kapital għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju u sabiex jippromwovu, b'mod ġenerali, sentiment ta' responsabbiltà fiskali min-naħa tal-membri tagħhom.

2. Inbidel ħafna fil-150 sena li għaddew. L-avvent ta' sistemi ta' pagamenti integrati u globalizzati, flimkien ma' – kif dawn l-aħħar għaxar snin sfortunatament urew – iż-żieda fil-ħtieġa ta' superviżjoni u leġiżlazzjoni bankarja ingħaqdu flimkien sabiex iqajmu kwistjonijiet dwar is-sostenibbiltà futura ta' dan il-mudell bankarju tradizzjonali. Dan huwa iktar u iktar il-każ fejn tali banek igawdu minn bażi ta' attiv sinjifikattiv, b'tali mod li l-falliment ta' wieħed minn tali banek jista' jikkostitwixxi theddida sistemika għas-sistema bankarja lokali u saħansitra, bħalma reġgħu wrew l-avvenimenti tal-2008, għas-sistema bankarja Ewropea iktar wiesgħa.

3. Dan kollu ta lok għal riforma leġiżlattiva f'għadd ta' Stati Membri, imħeġġa probabilment mill-esperjenza tal-kollassi bankarji fuq skala kbira (jew saħansitra t-theddida ta' kollassi) f'diversi Stati Membri mill-perijodu tal-2008 'il quddiem. B'mod speċifiku, il-prinċipju ta' mutwalità huwa kkunsidrat minn xi wħud li jrendi tali istituzzjonijiet mingħajr reazzjoni għas-sentiment tal-investituri. Hemm ukoll it-twemmin li l-governanza impreżarjali ta' tali istituzzjonijiet u aċċess ġenerali għas-swieq tal-kapital jitjiebu li kieku dawn l-istituzzjonijiet ibiddlu l-istatus ġuridiku tagħhom minn wieħed ta' mutwalità għal dak ta' kumpanija pubblika konvenzjonali li l-ishma tagħha jkunu nnegozjati fil-boroż pubbliċi.

4. Dan kollu huwa l-isfond ġenerali ta' din il-kawża. Għalhekk, ir-rikorrenti f'din il-kawża jipprovaw essenzjalment jikkontestaw il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali Taljana reċentement adottata fl-2015 mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni fiċ-ċirkustanzi li ser niddeskrivi. Il-fattur prinċipali ta' din il-leġiżlazzjoni huwa li ffissat il-livell massimu ta' attiv kapital li bank kooperattiv jista' jkollu għal EUR 8 biljun.

5. B'mod partikolari, din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 3, 63 u 107 *et seq* tat-Trattat FUE; tal-Artikoli 16, 17 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"); tal-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 [2]; tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu [3]; u tal-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 241/2014 tas-7 ta' Jannar 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-fondi proprji tal-istituzzjonijiet [4].

2 ĠU 2013, L 176, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 208, p. 68, fil-ĠU 2013, L 321, p. 6 u fil-ĠU 2017, L 20, p. 2.

3 ĠU 2013, L 287, p. 63.

4 ĠU 2014, L 74, p. 8.

6. It-talba għal deċiżjoni preliminari tressqet mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja) fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' Novembru 2018 fil-kuntest ta' kawża bejn, minn naħa, OC *et*, Adusbef, Federconsumatori, PB *et* u QA *et*, u min-naħa l-oħra, il-Banca d'Italia (il-Bank tal-Italja), Presidenza del Consiglio dei Ministri (il-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri), Ministero dell'Economia e delle Finanze (il-Ministeru tal-Ekonomija u tal-Finanzi). Hawnhekk nixtieq nosserva li OC, PB u QA huma ismijiet anonimizzati, mogħtija lil gruppi separati ta' soċji mutwali f'diversi banek kooperattivi Taljani (iktar 'il quddiem il-"banche popolari" jew il-"banek popolari").

7. Il-proċedura quddiem il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) tirrigwarda l-legalità ta' ċerti atti adottati mil-leġiżlatur Taljan u mill-Bank tal-Italja, li, essenzjalment, l-ewwel nett, stabbilixxew limitu ta' attiv jew ta' kapital f'ammont ta' EUR 8 biljun fir-rigward tal-banek popolari u, it-tieni nett, jippermettu li tali bank, ladarba ttrasformat f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata, jipposponi t-tifdija tal-azzjonijiet miżmuma minn soċju li jirtira għal perijodu indeterminat u li jillimita totalment jew parzjalment l-ammont relatat.

8. Skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni, meta jinqabeż il-limitu ta' EUR 8 biljun, bank popolari għandu tliet għażliet: jista' (i) jnaqqas l-attiv jew il-kapital tiegħu taħt dan il-limitu, (ii) jittrasforma l-bank inkwistjoni f'kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata jew (iii) jillikwida l-bank. In-nuqqas ta' osservanza ta' waħda minn dawn l-għażliet jista' jirriżulta, *inter alia*, fl-impożizzjoni mill-Bank tal-Italja ta' projbizzjoni fuq operazzjonijiet ġodda jew jipproponi li l-Bank Ċentrali Ewropew (iktar 'il quddiem il-"BĊE") jirrevoka l-awtorizzazzjoni biex jidħol f'attivitajiet bankarji u li l-Ministru għall-Ekonomija u għall-Finanzi jibda likwidazzjoni amministrattiva obbligatorja.

9. Il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) indika fit-talba tiegħu għal deċiżjoni preliminari li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni huma intiżi, minn naħa, li jistabbilixxu bilanċ xieraq bejn il-forma ġuridika u d-dimensjonijiet ta' bank popolari, min-naħa l-oħra, li josservaw ir-regoli prudenzjali tal-Unjoni. Għalhekk, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom l-għan li jagħmlu l-leġiżlazzjoni tal-banek popolari nazzjonali iktar konsistenti mad-dinamiċi speċifiċi tas-suq Ewropew ta' riferiment, li jiggarantixxu iktar kompetittività lil dawn il-korpi u jippromwovu iktar trasparenza fl-organizzazzjoni, fl-operat u fil-funzjonijiet tagħhom.

10. Il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) irrileva wkoll li ħlief għal tnejn, il-banek popolari kollha kkonformaw ruħhom mar-riformi leġiżlattivi li ġew introdotti. Qabel ma jiġu kkunsidrati dawn id-domandi, huwa madankollu meħtieġ li l-ewwel jiġu eżaminati d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi rilevanti.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni Ewropea

1. Ir-Regolament Nru 575/2013

11. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 575/2013 jipprevedi li dan ir-regolament "jistabbilixxi regoli uniformi li jikkonċernaw rekwiżiti prudenzjali ġenerali li l-istituzzjonijiet sorveljati skont id-Direttiva 2013/36/UE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013, dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE] għandhom jikkonformaw magħhom".

12. Skont l-Artikolu 26(1)(a) tar-Regolament Nru 575/2013, l-istrumenti kapitali huma inklużi fl-Elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, sakemm il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 28 jew, fejn applikabbli, fl-Artikolu 29, jiġu ssodisfatti.

13. L-Artikolu 28(1) ta' dan ir-regolament jipprevedi:

"1. L-istrumenti kapitali għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 biss jekk il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin jiġu ssodisfati:

[…]

e) l-istrumenti jkunu perpetwi;

f) l-istituzzjonijiet u istituzzjonijiet finanzjarji li għalihom l-iskoperturi għall- l-ammont ta' kapital tal-istrumenti ma jistax jitnaqqas jew ripagat, ħlief f'xi wieħed mill-każijiet li ġejjin:

   (i) il-likwidazzjoni tal-istituzzjoni;

   (ii) ix-xiri mill-ġdid diskrezzjonarju tal-istrumenti jew mezzi diskrezzjonali oħra ta' tnaqqis tal-kapital, meta l-istituzzjoni tkun irċeviet il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 77

g) id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti ma jindikawx espressament jew impliċitament li l-ammont ta' kapital tal-istrumenti jitnaqqas jew jista' jkun li jitnaqqas jew jiġi ripagat ħlief fil-likwidazzjoni tal-istituzzjoni, u l-istituzzjoni b'ebda mod ieħor ma tipprovdi tali indikazzjoni qabel jew waqt il-ħruġ tal-istrumenti, ħlief fil-każ ta' strumenti msemmija fl-Artikolu 27 meta r-rifjut mill-istituzzjoni li tifdi tali strumenti jkun pprojbit skont id-dritt nazzjonali applikabbli;

[…]"

14. L-Artikolu 29 ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"1. L-istrumenti kapitali maħruġa minn soċjetà mutwali jew kooperattivi, istituzzjonijiet ta' tfaddil u istituzzjonijiet simili għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 biss jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 28 bil-modifiki li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, jiġu ssodisfati.

2. Il-kondizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu ssodisfati fir-rigward ta' tifdija tal-istrumenti kapitali:

(a) ħlief meta pprojbit skont id-dritt nazzjonali applikabbli, l-istituzzjoni għandha tkun tista' tirrifjuta t-tifdija tal-istrumenti;

(b) meta r-rifjut mill-istituzzjoni tat-tifdija tal-istrumenti jkun pprojbit skont id-dritt nazzjonali applikabbli, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istumenti għandhom jagħtu l-kapaċità lill-istituzzjoni li tillimita t-tifdija tagħhom;

(c) ir-rifjut li tifdi l-istrumenti, jew il-limitazzjoni tat-tifdija tal-istrumenti meta applikabbli, jista' ma jkunx jikkostitwixxi avveniment ta' inadempjenza tal-istituzzjoni.

[…]

6 L-[Awtorità Bankarja Ewropea] ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika n-natura tal-limitazzjonijiet fuq it-tifdija neċessarja meta r-rifjut tat-tifdija tal-istrumenti ta' fondi proprji mill-istituzzjoni tkun ipprojbita skont id-dritt nazzjonali applikabbli.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2015.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 [Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU 2010 L 331, p. 12)]".

15. L-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 575/2013 intitolat "Konsegwenzi għall-fatt li l-kondizzjonijiet għal strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ma jibqgħux issodisfati", jipprovdi:

"Dawn li ġejjin għandhom japplikaw fejn, fil-każ ta' strument ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, il-kondizzjoniiet stabbiliti fl-Artikolu 28 jew, fejn applikabbli, l-Artikolu 29 ma jibqgħux jiġu ssodisfati:

(a) dak l-istrument għandu immedjatament ma jibqax jikkwalifika bħala strument ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1;

b) il-kontijiet tal-primjum azzjonarju b'rabta ma' dak l-istrument għandhom immedjatament ma jibqgħux jikkwalifikaw bħala elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1."

2. Ir-Regolament ta' Delega Nru 241/2014[5]

16. Il-premessa 10 tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 tipprovdi:

"Sabiex jiġu applikati r-regoli tal-fondi proprji għall-mutwi, is-soċjetajiet kooperattivi, l-istituzzjonijiet tat-tfaddil u istituzzjonijiet simili, l-ispeċifiċitajiet ta' dawn l-istituzzjonijiet għandhom jitqiesu b'mod xieraq. Għandhom jiġu stabbiliti regoli biex jiġi żgurat, fost l-oħrajn, li meta jkun xieraq dawn l-istituzzjonijiet ikunu kapaċi jillimitaw it-tifdijiet tal-istrumenti kapitali [ta' kapital] tagħhom. Għalhekk, meta r-rifjut tat-tifdijiet tal-istrumenti jkun projbit mill-liġi nazzjonali applikabbli għal dawn it-tipi ta' istituzzjonijiet, huwa essenzjali li d-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti jagħtu lill-istituzzjoni l-abbiltà li tiddifferixxi t-tifdija tagħhom u tillimita l-ammont li għandu jiġi mifdi […]".

17. L-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament, intitolat "Limitazzjonijiet fuq it-tifdija ta' strumenti kapitali [ta' kapital] maħruġa minn mutwi, istituzzjonijiet tat-tfaddil, soċjetajiet kooperattivi u istituzzjonijiet simili għall-finijiet tal-Artikolu 29(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Artikolu 78(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013" jipprovdi kif ġej:

"1. Istituzzjoni tista' toħroġ strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni bil-possibbiltà ta' tifdija biss fejn din il-possibilità hija prevista mil-liġi nazzjonali applikabbli.

2. L-abbiltà li l-istituzzjoni tillimita t-tifdija skont id-dispożizzjonjiet li jirregolaw l-istrumenti kapitali [ta' kapital] kif imsemmi fl-Artikolu 29(2)(b) u 78(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għandha tikkomprendi kemm id-dritt li tiddeferixxi t-tifdija kif ukoll id-dritt li tillimita ammont li se jiġi mifdi. L-istituzzjoni għandha tkun tista' tiddefferixxi t-tifdija jew tillimita l-ammont li se jiġi mifdi għal perjodu illimitat ta' żmien skont il-paragrafu 3.

3. Il-punt safejn il-limitazzjonijiet fuq it-tifdija inklużi fid-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti għandu jiġi ddeterminat mill-istituzzjoni fuq il-bażi tas-sitwazzjoni prudenzjali tal-istituzzjoni fi kwalunkwe ħin, u wara li jiġu kkunsidrati b'mod partikolari, iżda mhux biss:

(a) is-sitwazzjoni kumplessiva finanzjarja, tal-likwidità u s-solvenza tal-istituzzjoni;

5 Ir-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 jimplimenta diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 575/2013, b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 28(5) u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 29(6) ta' dan ir-regolament. Skont il-premessa 1 tar-Regolament Nru 241/2014, il-Kummissjoni kkunsidrat li kien mixtieq li jiġu inklużi l-istandards tekniċi regolatorji kollha fuq il-fondi proprji meħtieġa mir-Regolament Nru 575/2013 f'regolament wieħed.

(b) l-ammont tal-kapital ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni, ta' Grad 1 u l-kapital totali mqabbel mal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkulat skont ir-rekwiżiti stipulati fil-punt (a) tal-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ir-rekwiżiti tal-fondi proprji speċifiċi msemmija fl-Artikolu 104(1)(a) tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-rekwiżit tal-bafer kombinat kif definit fil-punt (6) tal-Artikoli 128 ta' dik id-Direttiva".

3. Ir-Regolament Nru 1024/2013

18. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1024/2013 "jikkonferixxi lill-BĊE kompiti speċifiċi fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, bil-għan li jikkontribwixxu għas-sikurezza u s-soliditá tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-Unjoni u kull Stat Membru, b'rigward sħiħ u bid-dover ta' attenzjoni għall-unità u l-integrità tas-suq intern abbażi ta' trattament ugwali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu bil-għan li jkun impedut arbitraġġ regolatorju".

19. L-Artikolu 6(1) ta' dan ir-regolament jipprovdi kif ġej:

"Il-BĊE għandu jwettaq il-kompiti tiegħu fi ħdan MSU li huwa magħmul mill-BĊE u minn awtoritajiet kompetenti nazzjonali. Il-BĊE għandu jkun responsabbli mill-funzjonament effettiv u konsistenti tal-MSU"[6].

20. L-Artikolu 6(4) ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"Fir-rigward tal-kompiti definiti fl-Artikolu 4, ħlief għall-punti (a) u (c) tal-paragrafu 1 tiegħu, il-BĊE għandu jkollu r-responsabbiltajiet stabbiliti fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandu jkollhom ir-responsabbiltajiet stabbiliti fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, fil-qafas tal-proċeduri, u soġġett għall-proċeduri, imsemmija fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-kumpaniji holding finanzjarji jew il-kumpaniji holding finanzjarji mħalltin li ġejjin jew fergħat, li huma stabbiliti fi Stati Membri parteċipanti, ta' istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti:

— dawk li huma inqas sinifikanti fuq bażi konsolidata, fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi ħdan l-Istati Membri parteċipanti, jew individwalment fil-każ speċifiku tal-fergħat, li huma stabbiliti fi Stati Membri parteċipanti, ta' istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti. Is-sinifikanza għandha tkun ivvalutata abbażi tal-kriterji li ġejjin:

  (i) id-daqs;

  (ii) l-importanza għall-ekonomija tal-Unjoni jew kwalunkwe Stat Membru parteċipanti;

  (iii) is-sinifikanza tal-attivitajiet transkonfinali.

Fir-rigward tal-ewwel subparagrafu hawn fuq, istituzzjoni ta' kreditu jew kumpanija holding finanzjarja jew kumpanija holding finanzjarja mħallta ma għandhiex titqies bħala inqas sinifikanti, dment li ma jkunx ġustifikat b'ċirkostanzi partikolari li għandhom jiġu speċifikati fil-metodoloġija, jekk kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tkun sodisfatta:

(i) il-valur totali tal-assi tagħha jaqbeż EUR 30 biljun;

(ii) il-proporzjon tal-assi totali tagħha fuq il-PDG tal-Istat Membru parteċipanti tal-istabbiliment jaqbeż 20 %, sakemm il-valur totali tal-assi tagħha ma jkunx taħt il-5 biljun euro;

6 MSU tfisser Mekkaniżmu Superviżorju Uniku.

(iii) wara notifika mill-awtorità nazzjonali kompetenti tagħha li hija tqis tali istituzzjoni bħala li għandha rilevanza sinifikanti rigward l-ekonomija domestika, il-BĊE jieħu deċiżjoni li tikkonferma tali sinifikanza wara valutazzjoni komprensiva mill-BĊE, inkluż valutazzjoni tal-karta tal-bilanċ, ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu.

Il-BĊE jista' wkoll, fuq inizjattiva proprja, jikkunsidra li istituzzjoni tkun ta' rilevanza sinifikanti fejn tkun stabbilixxiet sussidjarji bankarji f'aktar minn Stat Membru parteċipanti wieħed u l-attivi jew il-passivi transkonfinali tagħha jirrappreżentaw parti sinifikanti tal-attivi jew il-passivi totali tagħha soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-metodoloġija.

Dawk li għalihom assistenza finanzjarja pubblika ġiet rikjesta jew riċevuta direttament mill-EFSF [SESF] [7] jew il-MES [8] ma għandhomx jitqiesu bħala inqas sinifikanti.

Minkejja s-subparagrafi preċedenti, il-BĊE għandu jwettaq il-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament fir-rigward tat-tliet istituzzjonijiet ta' kreditu l-aktar sinifikanti f'kull wieħed mill-Istati Membri parteċipanti, sakemm mhux iġġustifikat minħabba ċirkostanzi partikolari".

B. Id-dritt Taljan

21. Il-Kapitolu V tat-Testo unico delle leggi in materia bancaria e creditizia (il-Liġi Bankarja Kkonsolidata, iktar 'il quddiem iċ-"CBL"), imsemmi fid-decreto legislativo 1° settembre 1993, n. 385 [9] (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 385 tal-1 ta' Settembru 1993; iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 385"), jirregola l-attività bankarja kooperattiva, inkluż l-attività tal-banek popolari. Dan il-kapitolu ġie emendat wara l-adozzjoni tad-decreto-legge, 24 gennaio 2015 n. 3 (id-Digriet-Liġi Nru 3, tal-24 ta' Jannar 2015; iktar 'il quddiem id-"Digriet-Liġi Nru 3/2015").

22. L-Artikolu 28(2-ter) ġie introdott bħala emenda tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 385, fil-verżjoni tiegħu applikabbli wara l-24 ta' Jannar 2015, permezz tad-decreto-legge 24 gennaio 2015, n.3, convertito, con modificazioni, della legge 24 marzo 2015 n.33 [10], (id-Digriet-Liġi Nru 3 tal-24 ta' Jannar 2015, ikkonvertit, b'emendi, mil-Liġi Nru 33 tal-24 ta' Marzu 2015, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 33/2015"), din id-dispożizzjoni min-naħa tagħha ġiet sussegwentament emendata bid-decreto legislativo, 12 maggio 2015, n.72, recante attuazione della direttiva 2013/36/UE [11] (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 72, li jittrasponi d-Direttiva 2013/36, iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 72/2015"), u jipprovdi:

"Fil-banek popolari […], id-dritt ta' tifdija tal-azzjonijiet fil-każ ta' rtirar, inkluż wara t-trasformazzjoni tal-bank, il-mewt jew l-esklużjoni tas-soċju, għandu jkun limitat skont ir-rekwiżiti imposti mill-Bank tal-Italja, anki b'deroga minn dispożizzjonijiet legali, meta dan ikun neċessarju sabiex jiġi żgurat li l-azzjonijiet ikunu jistgħu jiġu inklużi fil-Grad 1 tal-fondi proprji regolatorji tal-bank. Għall-istess finijiet, il-Bank tal-Italja jista' jillimita d-dritt għat-tifdija ta' strumenti oħra ta' kapital maħruġa."

23. L-Artikolu 29 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 385 [12] jipprovdi:

"2-bis. L-attiv tal-bank popolari ma jistax jaqbeż l-EUR 8 biljuni. Jekk il-bank huwa l-kumpannija omm ta' grupp bankarju, dan il-limitu huwa ddeterminat fuq bażi konsolidata.

7 SESF tfisser Sistema Ewropea tas-Superviżjoni Finanzjarja.

8 MES tfisser Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà.

9 GURI Nru 230, tat-30 ta' Novembru 1993.

10 GURI Nru 70, tal-25 ta' Marzu 2015 – Suppliment Ordinarju 15.

11 GURI Nru 134, tat-12 ta' Ġunju 2015.

12 Fil-verżjoni applikabbli wara l-adozzjoni tad-Digriet-Liġi Nru 3/2015, ikkonvertit, bl-emendi, permezz tal-Liġi Nru 33/2015.

2-ter. Jekk il-limitu indikat fil-paragrafu 2-bis jinqabeż, il-bord tad-diretturi għandu jsejjaħ laqgħa tal-azzjonisti sabiex jiddetermina l-linja ta' azzjoni xierqa. Jekk, fi żmien sena minn meta dan jinqabeż, l-attiv ma jkunx tnaqqas taħt il-limitu u ma tkun ittieħdet ebda deċiżjoni sabiex il-bank jiġi ttrasformat f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata […] jew sabiex jiġi llikwidat, il-Bank tal-Italja, fid-dawl taċ-ċirkustanzi u tal-ammont li bih ikun inqabeż il-limitu, jista' jimponi projbizzjoni tal-eżerċizzju ta' operazzjonijiet ġodda […], jew il-miżuri previsti fit- Taqsima I tal-Kapitolu I tat-Titolu IV, jew jista' jipproponi li l-Bank Ċentrali Ewropew jirrevoka l-awtorizzazzjoni ta' twettiq ta' attivitajiet bankarji u li l-Ministru għall-Ekonomija u għall-Finanzi jibda stralċ amministrattiv obbligatorja.

2-quater. Il-Bank tal-Italja għandu jipprovdi dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni ta' dan l-artikolu.

[…]"

24. L-Artikolu 1(2) tad-Digriet-Liġi Nru 3/2015 [13] jipprovdi:

"Meta dan id-digriet jiġi applikat għall-ewwel darba, il-banek popolari awtorizzati fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dan id-digriet għandhom jikkonformaw ruħhom ma' dak li hemm previst fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 29 (2-bis) u (2-ter) tad-Digriet Leġiżlattiv tal-1 ta' Settembru 1993 Nru 385, introdotti permezz ta' dan l-artikolu, f'terminu ta' 18-il xahar li jibda jiddekorri mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni imposti mill-Bank tal-Italja skont l-istess Artikolu 29".

25. Id-decreto-legge 25 luglio 2018, n. 91, convertito con modificazioni dalla legge 21 settembre 2018, n.108 [14] (id-Digriet-Liġi tal-25 ta' Lulju 2018, Nru 91, ikkonvertit, bl-emendi, permezz tal-Liġi tal-21 ta' Settembru 2018, Nru 108) estenda t-terminu previst fl-Artikolu 1(2) tad-Digriet-Liġi Nru 3/2015 sal-31 ta' Diċembru 2018.

26. Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Artikoli 28 u 29 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 385, il-Bank tal-Italja emenda ċ-Circolare n.285 tiegħu (iktar 'il quddiem iċ-"Ċirkulari Nru 285"), tas-17 ta' Diċembru 2013, dwar id-dispożizzjonijiet fil-qasam tas-superviżjoni tal-banek. Fid-disa' aġġornament tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2015, li introduċa din l-emenda (iktar 'il quddiem id-"9-il aġġornament taċ-Ċirkulari Nru 285"), il-Bank tal-Italja stabbilixxa il-kundizzjonijiet li ġejjin:

"[1] [Il-banek popolari kkonċernati], meta jkollhom attiv li jaqbeż il-limitu ta' EUR 8 biljun, għandhom jiżguraw l-osservanza tad-dispożizzjonijiet previsti fl-Artikolu 29(2-bis) u (2-ter) taċ-[CBL] fi żmien tmintax il-xahar mid-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni imposti mill-Bank tal-Italja.

[…]

[2.] L-emendi tal-istatuti ta' assoċjazzjoni jistgħu jiġu kklassifikati fi tliet kategoriji distinti:

a) emendi tal-istatuti ta' assoċjazzjoni intiżi biss sabiex jadattaw ruħhom għad-dispożizzjonijiet legali […];

(b) il-modifiki tal-istatuti ta' assoċjazzjoni li huma obbligatorji iżda li ma humiex intiżi biss sabiex jadattaw ruħhom għad-dispożizzjonijiet legali […];

(c) l-emendi fakultattivi tal-istatuti ta' assoċjazzjoni […]

13 Kif ġie kkonvertit permezz tal-Liġi Nru 33/2015.

14 GURI Nru 220, tal-21 ta' Settembru 2018.

[3.] Il-kategorija msemmija fil-punt (a) tkopri l-emendi fl-istatuti ta' assoċjazzjoni intiżi biex:

— tiġi introdottai fl-istatuti l-klawżola li tagħti lill-korp responsabbli mis-superviżjoni strateġika, fuq il-bażi ta' proposta mill-korp responsabbli għall-immaniġjar, wara li konsultazzjoni mal-korp responsabbli għall-kontroll, l-għażla li jiġi limitat jew li jiġi rrinvijat, totalment jew parzjalment u mingħajr limitu ta' żmien, it-tifdija tal-azzjonijiet miżmuma mis-soċju li ser jirtira u ta' strumenti ta' kapital oħra li jistgħu jiġu inklużi fiċ-CET1 [15], anki b'deroga mid-dispożizzjonijiet tal-Codice Civile (il-Kodiċi Ċivili) u ta' rekwiżiti legali oħra, u mingħajr preġudizzju għall-awtorizzazzjonijiet ipprovduti mill-awtoritajiet superviżorji fil-qasam tat-tifdija ta' strumenti kapitali, jekk ikun il-każ. Il-klawżola għandha tippreċiża wkoll li d-determinazzjonijiet tal-limitu tad-differiment u l-ambitu tal-limitazzjoni fuq it-tifdija tal-azzjonijiet u ta' strumenti kapitali oħra jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-korp responsabbli mis-superviżjoni strateġika, b'teħid inkunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni prudenzjali tal-bank, bi qbil mar-rekwiżiti imposti mill-Bank tal-Italja […]

[4.] Il-banek popolari li għandhom attiv li jaqbeż il-limitu ta' EUR 8 biljun għandhom iwettqu, matul il-perijodu tranżitorju u qabel kull trasformazzjoni, minn tal-inqas l-emendi obbligatorji fl-istatuti tagħhom imsemmija fil-punti (a) u (b)".

III. Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

27. Permezz ta' tliet rikorsi separati ppreżentati fl-ewwel istanza quddiem it-Tribunale Amministrativo Regionale per il-Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali tal-Lazio, l-Italja), xi soċji tal-banek popolari, l-Associazione difesa utenti servizi bancari finanziari postali assicurativi - Adusbef (l-Assoċjazzjoni għad-Difiża tal-Utenti tas-Servizzi Bankarji, Finanzjarji, Postali u tal-Assigurazzjoni) u l-Federazione Nazionale di Consumatori ed Utenti - Federconsumatori (il-Federazzjoni Nazzjonali tal-Konsumaturi u l-Utenti) ikkontestaw ċerti atti tal-Bank tal-Italja fosthom, b'mod partikolari, id-9 aġġornament għaċ-Ċirkulari Nru 285.

28. It-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali tal-Lazio) ċaħdet dawn ir-rikorsi permezz tas-sentenzi Nri 6548/2016, 6544/2016 u 6540/2016, tas-7 ta' Ġunju 2016.

29. L-appellanti fil-kawża prinċipali appellaw mis-sentenzi Nri 6548/2016, 6544/2016 u 6540/2016 quddiem il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat). Il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) issospenda l-effetti tad-9-il aġġornament taċ-Ċirkulari Nru 285 u qajjem kwistjonijiet dwar il-kostituzzjonalità tad-Digriet Liġi Nru 3/2015.

30. Permezz tas-sentenza Nru 99/2018, il-Corte Costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali, l-Italja) ċaħdet għaliex huma infondati d-domandi magħmula mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) dwar il-kostituzzjonalità tad-Digriet Liġi Nru 3/2015.

31. Wara li ssoktaw il-proċeduri quddiem il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat), din il-qorti, permezz tad-Digriet Nru 3645/2018, estendiet is-sospensjonijiet ordnati preċedentement sad-data tal-pubblikazzjoni tas-sentenza li tiddeċiedi l-kawża fuq il-mertu [16].

15 CET1 tfisser strument ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1

16 Bl-eċċezzjoni tat-terminu ta' 18-il xahar previst fl-Artikolu 1(2) tad-Digriet-Liġi Nru 3/2015, li kien diġà ġie ssostitwit b'data oħra jiġifieri dik tal-31 ta' Diċembru 2018.

32. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) L-Artikolu 29 tar-Regolament [Nru 575/2013], l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014, l-Artikoli 16 u 17 tal-[Karta], b'riferiment għall-Artikolu 6(4) tar-[Regolament Nru 1024/2013], jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik introdotta permezz tal-Artikolu 1 tad-Digriet-Liġi Nru 3/2015, maqlub f'liġi, b'emendi, permezz tal-Liġi Nru 33/2015 (u fil-preżent anki l-Artikolu 1(15) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 72/2015, li ssostitwixxa l-Artkolu 28(2-ter), [CBL], li essenzjalment jirriproduċi t-test tal-Artikolu 1(1)(a) tad-Digriet Liġi Nru 3/2015, kif meqlub f'liġi, b'emendi mhux rilevanti f'dan il-każ), li timponi limitu ta' attiv li lil hinn minnu l-bank popolari huwa obbligat li jittrasforma ruħu f'kumpannija [pubblika] b'responsabbiltà limitata, filwaqt li tiffissa dan il-limitu għal EUR 8 biljuni ta' attiv? Barra minn hekk, l-imsemmija parametri tad-dritt tal-Unjoni jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, fil-każ ta' trasformazzjoni tal-bank popolari f'kumpannija [pubblika] b'responsabbiltà limitata, tippermetti lill-istituzzjoni tiddifferrixxi jew tillimita, anki għal żmien indeterminat, ir-rimbors [it-tifdija] tal-azzjonijiet tas-soċju li jirtira?

(2) L-Artikoli 3 u 63 *et seq* TFUE dwar il-kompetizzjoni fis-suq intern u l-moviment liberu tal-kapital, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik introdotta permezz tal-Artikolu 1 tad-Digriet Liġi Nru 3/2015 maqlub f'liġi, b'emendi, permezz tal-Liġi Nru 33/2015, li tillimita l-eżerċizzju tal-attività bankarja fil-forma ta' kooperattiva sa limitu determinat ta' attiv, billi tobbliga lill-istituzzjoni tittrasforma ruħha f'kumpannija [pubblika] b'responsabbiltà limitata fil-każ li dan il-limitu jinqabeż?

(3) L-Artikoli 107 *et seq* TFUE dwar l-għajnuna mill-Istat, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik introdotta permezz tal-Artikolu 1 tad-Digriet Liġi Nru 3/2015 maqlub f'liġi, b'emendi, permezz tal-Liġi Nru 33/2015, (u fil-preżent anki l-Artikolu 1(15) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 72/2015, li ssostitwixxa l-Artkolu 28(2-ter), [CBL], li essenzjalment jirriproduċi t-test tal-Artikolu 1(1)(a) tad-Digriet-Liġi Nru 3/2015, kif meqlub f'liġi, b'emendi mhux rilevanti f'dan il-każ), li timponi t-trasformazzjoni tal-bank popolari f'kumpannija [pubblika] b'responsabbiltà limitata fil-każ li jinqabeż ċertu limitu ta' attiv (stabbilit għal EUR 8 biljuni), filwaqt li tipprevedi restrizzjonijiet fuq ir-rimbors tal-ishma tas-soċju fil-każ ta' rtirar, sabiex tiġi evitata l-likwidazzjoni possibbli tal-bank ittrasformat?

(4) Id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 29 tar-[Regolament Nru 575/2013] u tal-Artikolu 10 tar-[Regolament ta' Delega Nru 241/2014], jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik prevista mill-Artikolu 1 tad-Digriet Liġi Nru 3/2015 maqlub f'liġi, b'emendi, permezz tal-Liġi Nru 33/2015, hekk kif interpretata mill-Corte Costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali, l-Italja) fis-sentenza tagħha Nru 99/2018, li tippermetti lill-bank popolari jiddifferixxi r-rimbors għal perijodu illimitat u jillimita kompletament jew parzjalment l-ammont?

(5) Fil-każ li, fl-interpretazzjoni tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni hija kompatibbli mal-interpretazzjoni prevista mill-kontropartijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tevalwa l-konformità mad-dritt Ewropew tal-Artikolu 10 tar-[Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni Nru 241/2014], fid-dawl tal-Artikolu 16 u 17 tal-[Karta], […], integrat, anki fid-dawl tal-Artikolu 52(3) tal-istess Karta […] u tal-ġurisprudenza tal-KEDB dwar l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll Addizzjonali għall-KEDB?"

IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

33. Permezz tad-digriet tat-18 ta' Jannar 2019, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ċaħad it-talba tal-qorti tar-rinviju sabiex din il-kawża tiġi suġġetta għall-proċedura mħaffa, skont l-Artikolu 105(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

34. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati minn OC *et*, mill-Unione di Banche Italiane, mill-Bank tal-Italja, mill-Banca Popolare di Sondrio, minn Amber Capital Italia u minn Amber Capital UK (iktar 'il quddiem "Amber Capital"), mill-Gvern Taljan u mill-Kummissjoni Ewropea. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li taqta' l-kawża mingħajr seduta għas-sottomissjonijiet orali.

V. Analiżi

A. Osservazzjonijiet preliminari

35. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari hija partikolarment notevoli peress li l-partijiet intervenjenti kollha, ħlief OC *et* u l-Banca Popolare di Sondrio, sostnew li xi wħud jew, effettivament, id-domandi kollha magħmula mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) huma, kompletament jew parzjalment, inammissibbli.

36. Għalhekk, l-Unione di banche Italiane tqis li d-domandi kollha huma inammissibbli totalment jew parzjalment; il-Bank tal-Italja u Amber Capital jikkunsidraw li l-ewwel tliet domandi huma inammissibbli; il-Gvern Taljan iqis li l-ewwel u l-ħames domandi huma inammissibbli u li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għat-tieni domanda. Il-Kummissjoni Ewropea tqis li parti mit-tieni domanda u l-ħames domanda fit-totalità tagħhom huma inammissibbli.

37. Huwa ċar, mill-proċess li għandha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja, li l-kawża prinċipali tressqet, fl-ewwel istanza, quddiem it-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali tal-Lazio), fl-appell, quddiem il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) u li dan tal-aħħar għamel rinviju lill-Corte Costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali). Dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari ġie ppreżentat mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) li jidher li huwa l-qorti nazzjonali li tiddeċiedi fl-aħħar istanza fil-kuntest tal-kawża prinċipali.

38. F'dan ir-rigward, hija ġurisprudenza stabbilita li jekk qorti nazzjonali li kontra d-deċiżjonijiet tagħha ma jkun hemm ebda rimedju ġudizzjarju, tikkonstata li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni hija neċessarja sabiex twassalha biex tiddeċiedi l-kawża quddiemha, it-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE jobbligaha tagħmel talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja [17].

39. Fil-punti 32 sa 34 tas-sentenza tagħha tal-15 ta' Marzu 2017, Aquino (C-3/16, EU:C:2017:209), il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-obbligu li titressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE huwa bbażat fuq il-kooperazzjoni, stabbilita bil-għan li tiġi żgurata applikazzjoni xierqa u interpretazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri kollha, bejn il-qrati nazzjonali, fil-kwalità tagħhom ta' qrati responsabbli għall-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u l-Qorti tal-Ġustizzja. L-obbligu li jsir rinviju previst fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE għandu, b'mod partikolari, l-għan li jiġi evitat li ġurisprudenza nazzjonali li tkun inkonsistenti mar-regoli tad-dritt tal-Unjoni tiġi stabbilita f'xi Stat Membru. Barra

17 Sentenzi tat-28 ta' Lulju 2016, Association France Nature Environnement C-379/15, EU:C:2016:603, punt 47) u tal-4 ta' Ottubru 2018, Il-Kummissjoni vs Franza (taxxa f'ras il-għajn) (C-416/17, EU:C:2018:811, punti 108 *et seq*).

minn hekk, qorti li tiddeċiedi fl-aħħar istanza tikkostitwixxi, mid-definizzjoni tagħha stess, l-aħħar istanza li quddiemha l-individwi jistgħu jinvokaw id-drittijiet mogħtija lilhom mid-dritt tal-Unjoni. Il-qrati li jiddeċiedu fl-aħħar istanza għandhom jiżguraw li, fuq livell nazzjonali, tingħata interpretazzjoni uniformi tar-regoli ta' dritt [18].

40. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali prevista fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali li quddiemha titressaq it-tilwima, u li għandha tassumi r-responsabbiltà għad-deċiżjoni ġudizzjarja sussegwenti, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti s-sentenza tagħha, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, meta d-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, obbligata li tagħti deċiżjoni [19].

41. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirrifjuta li tagħti deċiżjoni fuq domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali biss meta jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandhiex rabta mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt jew ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod effettiv għad-domandi magħmula lilha [20].

42. Għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprevedi rekwiżiti fir-rigward tal-kontenut ta' talba għal deċiżjoni preliminari.

43. Fid-digriet tagħha tat-12 ta' Mejju 2016, Security Service *et* (C-692/15 sa C-694/15, EU:C:2016:344, punt 18) [21], il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li r-rekwiżiti relatati mal-kontenut ta' talba għal deċiżjoni preliminari jissemmew espliċitament fl-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura, li tagħhom il-qorti tar-rinviju hija meqjusa, fil-kuntest tal-kooperazzjoni stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, li għandha konjizzjoni u li marbuta li tosserva *bir-reqqa* [22].

44. Hekk kif se jintwera iktar 'il quddiem f'dawn il-konklużjonijiet, sibt li numru ta' domandi magħmula mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) sfortunatament jonqsu milli josservaw il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja b'mod għal kollox sodisfaċenti. Dan huwa ta' dispjaċir minħabba li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax, fl-opinjoni

18 Iċ-ċirkustanzi li fihom qorti li kontra d-deċiżjonijiet tagħha ma jkun hemm ebda rimedju ġudizzjarju skont id-dritt nazzjonali hija meħtieġa li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja b'domanda preliminari kienu deskritti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-6 ta' Ottubru 1982, Cilfit *et* (C-283/81, EU:C:1982:335) u reċentement imfakkra mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tagħha tat-28 ta' Lulju 2016, Association France Nature Environnement (C-379/15, EU:C:2016:603, punti 47 sa 50), u f'dik tal-4 ta' Ottubru 2018, Il-Kummissjoni vs Franza (taxxa f'ras il-għajn) (C-416/17, EU:C:2018:811, punti 108 *et seq*). B'hekk, qorti li kontra d-deċiżjonijiet tagħha ma jkun hemm ebda rimedju ġudizzjarju skont id-dritt nazzjonali hija meħtieġa, meta quddiema titqajjem kwistjoni ta' dritt tal-Unjoni, li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja, sakemm ma tkunx stabbilixxiet li l-applikazzjoni korretta tad-dritt tal-Unjoni *hija tant ċara li ma thalli lok għal ebda dubju raġonevoli*. L-eżistenza ta' tali eventwalità għandha tkun evalwata fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tad-dritt tal-Unjoni, id-diffikultajiet partikolari li jippreżentaw l-interpretazzjoni tagħhom u r-riskju ta' nuqqas ta' qbil bejn deċiżjonijiet ġudizzjarji fl-Unjoni Ewropea.

19 Sentenza tat-22 ta' Settembru 2016, Microsoft Mobile Sales International *et* (C-110/15, EU:C:2016:717, punt 18).

20 Sentenza tat-22 ta' Settembru 2016, Microsoft Mobile Sales International *et* (C-110/15, EU:C:2016:717, punt 19).

21 Din il-kawża kienet tikkonċerna wkoll talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat). Ara wkoll id-digriet tat-8 ta' Ġunju 2017, Lg Costruzioni (C-110/16, mhux ippubblikat, EU:C:2017:446).

22 il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet fil-punti 19 sa 21 tad-digriet tagħha billi ddikjarat li hija "ripetutament irrilevat li n-neċessità li tingħata interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tkun utli għall-qorti nazzjonali teżiġi li dik il-qorti tiddefinixxi l-kuntest fattwali u leġiżlattiv tad-domandi magħmula minnha jew li, minn tal-inqas, tispjega ċ-ċirkustanzi fattwali li fuqhom ikunu bbażati dawn id-domandi […]Il-qorti tar-rinviju għandha wkoll tindika r-raġunijiet preċiżi li jkunu wassluha sabiex tistaqsi dwar l-interpretazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni u sabiex tqis li jkun neċessarju li tagħmel domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Din diġà ddeċidiet li huwa indispensabbli li l-qorti nazzjonali tagħti minimu ta' spjegazzjonijiet fuq ir-raġunijiet tal-għażla tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li tagħhom titlob l-intepretazzjoni kif ukoll fuq ir-rabta li hija tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-kawża mressqa quddiemha […]Għandu jiġi enfasizzat li l-informazzjoni pprovduta u d-domandi magħmula fid-deċiżjonijiet tar-rinviju għandhom jippermettu lill-Qorti tal-Ġustizzja mhux biss li tagħti tweġibiet utli imma wkoll għandhom jagħtu lill-gvernijiet tal-Istati Membri kif ukoll lill-partijiet interessati l-oħra l-possibbiltà li jippreżentaw osservazzjonijiet skont l-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Hija din tal-aħħar li għandha tiżgura li din il-possibbiltà tiġi ssalvagwardjata, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-fatt li, skont l-imsemmija dispożizzjoni, huma biss id-deċiżjonijiet tar-rinviju li jiġu nnotifikati lill-partijiet ikkonċernati, flimkien mat-traduzzjoni bil-lingwa uffiċjali ta' kull Stat Membru, mingħajr kwalunkwe fajl nazzjonali li jista' jiġi trażmess lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-qorti tar-rinviju […]".

tiegħi, tagħti risposta utli għad-domandi li l-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat kien obbligat li jagħmel sabiex jiċċara l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tqegħditx f'pożizzjoni, fil-fehma tiegħi, li tiċċara ċerti kwistjonijiet dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li qajmu dubju raġonevoli f'moħħ il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) u wassluh sabiex iressaq talba għal deċiżjoni preliminari minn tal-inqas f'dak li jikkonċerna l-aspetti tad-domandi magħmula.

B. L-ewwel domanda

45. L-ewwel domanda magħmula mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) tinqasam f'żewġ partijiet.

46. Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel domanda tiegħu, il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) jistaqsi, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 575/2013, l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 u l-Artikoli 16 u 17 tal-Karta u l-Artikolu 6(4) tar-Regolament Nru 1024/2013 jipprekludux dispożizzjonijiet nazzjonali li jimponu limitu ta' attiv ta' EUR 8 biljun, li lil hinn minnu bank popolari huwa obbligat li jittrasforma ruħu f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata [23].

47. Permezz tat-tieni parti tal-ewwel domanda tiegħu, il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) jistaqsi, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 575/2013, l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014, l-Artikoli 16 u 17 tal-Karta u l-Artikolu 6(4) tar-Regolament Nru 1024/2013, jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li, fil-każ ta' trasformazzjoni tal-bank popolari f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata, tippermetti li l-kumpannija tiddifferixxi jew tillimita, inkluż għal żmien indeterminat, it-tifdija tal-azzjonijiet tas-soċju li jirtira.

1. L-ammissibbiltà tal-ewwel domanda

48. L-Unione di banche Italiane, il-Bank tal-Italja, Amber Capital u l-Gvern Taljan jikkunsidraw li l-ewwel domanda hija totalment jew parzjalment inammissibbli jew, sussidjarjament, li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondiha.

49. Inħossni fid-dmir li nosserva li l-qorti tar-rinviju pprovdiet ftit informazzjoni dwar dak li wassalha sabiex tistaqsi dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni msemmija iktar 'il fuq fil-kuntest tal-adozzjoni mil-leġiżlatur Taljan u mill-Bank tal-Italja tal-limitu ta' EUR 8 biljun. Hija rrilevat li l-appellanti jqisu li l-limitu huwa eċċessivament baxx u li għandu jiġi stabbilit limitu ogħla fid-dawl ta' dawk applikabbli fuq livell Ewropew. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju llimitat ruħha li tikkonstata li hija kellha dubji dwar il-fondatezza ta' dan l-argument u taqbel mal-analiżi tal-Corte Costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali) li kkonstatat li l-istabbiliment tal-limitu jaqa' taħt is-setgħa deċiżjonali libera tal-leġiżlatur nazzjonali fid-dawl tal-għanijiet imfittxija mid-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni. Il-qorti tar-rinviju enfasizzat ukoll ir-rabta stretta bejn il-limitu u l-limiti imposti għat-tifdija tal-azzjonijiet, wara t-trasformazzjoni ta' bank popolari f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata.

50. Fil-fehma tiegħi, l-ewwel domanda fl-intier tagħha hija inammissibbli peress li l-qorti tar-rinviju ma osservatx l-Artikolu 94(c) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. F'dan ir-rigward, inqis li l-qorti tar-rinviju naqset milli tipprovdi "espożizzjoni tar-raġunijiet li wasslu lill-qorti tar-rinviju sabiex ikollha dubji dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll il-konnessjoni li hija tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-kawża prinċipali". Għalhekk, minbarra l-ispjegazzjoni sommarja stess dwar x'wassal

23 F'din id-domanda l-qorti tar-rinviju ma tagħmilx riferiment għall-possibbiltajiet alternattivi oħra previsti mid-dritt Taljan li jitnaqqas il-kapital ta' bank popolari jew li jiġi stralċjat.

lill-qorti tar-rinviju sabiex ikollha dubji dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 575/2013, tal-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014, tal-Artikoli 16 u 17 tal-Karta u tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament Nru 1024/2013, ma hemm l-ebda spjegazzjoni fit-talba għal deċiżjoni preliminari dwar ir-relazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-kawża prinċipali.

2. L-ewwel parti tal-ewwel domanda

a) Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

51. Minbarra l-kwistjoni dwar l-ammissibbiltà tal-ewwel domanda kollha kemm hija, inqis li huwa neċessarju li jiġi eżaminat jekk il-Qorti tal-Ġustizzja għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tagħti risposta għall-ewwel parti tal-ewwel domanda fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-interpretazzjoni, mitluba mill-qorti tar-rinviju, tal-Artikoli 16 u 17 tal-Karta b'rabta mal-istabbiliment mil-leġiżlatur Taljan u mill-Bank tal-Italja tal-limitu ta' EUR 8 biljun.

52. Skont ġurisprudenza stabbilita, ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali jorbtu lill-Istati Membri fil-każijiet kollha fejn jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni Ewropea u huma obbligati, sa fejn possibbli, li japplikaw il-liġi b'mod konformi ma' dawn ir-rekwiżiti. Madankollu, l-Artikolu 51(1) tal-Karta jipprovdi li d-dispożizzjonijiet tagħha huma indirizzati lill-"Istati Membri […] biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni". Barra minn hekk, skont l-Artikolu 6(1) TUE, il-Karta ma tistabbilixxi ebda setgħa ġdida għall-Unjoni u lanqas ma tbiddel il-kompetenzi tagħha [24].

53. Peress li d-digriet tar-rinviju ma jinkludi ebda informazzjoni speċifika li turi li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni li jistabbilixxu l-limitu ta' EUR 8 biljun huma miżuri ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta jew huma b'xi mod ieħor marbuta ma' dan id-dritt, inqis li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tagħti interpretazzjoni tal-Artikoli 16 u 17 tal-Karta fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel domanda.

b) Il-mertu tal-ewwel parti tal-ewwel domanda

54. Jekk, madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tqis (kuntrarjament għall-fehma tiegħi) li l-ewwel domanda hija ammissibbli [25], inqis, sussegwentement, li l-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 575/2013, l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 u l-Artikolu 6(4) tar-Regolament Nru 1024/2013 la jimponu u lanqas ma jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali li timponi limitu ta' attiv ta' EUR 8 biljun li lil hinn minnu bank popolari huwa obbligat li jittrasforma ruħu f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata. Fil-fatt, ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Unjoni inkwistjoni ma tinkludi regoli li jistabbilixxu limiti ta' attiv għall-banek jew l-istituzzjonijiet simili li jeħtieġu t-trasformazzjoni f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata.

55. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 575/2013 u l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 jistabbilixxu regoli dwar il-klassifikazzjoni tal-istrumenti kapitali maħruġa mill-assoċjazzjonijiet mutwali, mill-kooperattivi, mill-istituzzjonijiet ta' tfaddil u mill-istituzzjonijiet simili bħal Ekwità Komuni ta' Grad 1 u, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet dwar it-tifdija ta' dawn l-istrumenti kapitali. Dawn id-dispożizzjonijiet ma jistabbilixxu ebda limitu ta' attiv jew ta' kapital.

24 Ara, b'analoġija, id-digriet tat-12 ta' Novembru 2010, Asparuhov Estov *et* (C-339/10, EU:C:2010:680, punti 12 sa 14 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 Anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tqis li l-ewwel parti tal-ewwel domanda hija ammissibbli, inqis, hekk kif huwa indikat fil-punti 52 sa 54 ta' dawn il-konklużjonijiet, li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta l-Artikolu 16 u 17 tal-Karta f'dan il-kuntest.

56. Barra minn hekk, fir-rigward tar-rilevanza tar-Regolament Nru 1024/2013, mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament jirriżulta b'mod ċar li dan jagħti lill-BĊE kompiti speċifiċi dwar il-politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu. L-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament jipprevedi l-kompetenza esklużiva tal-BĊE sabiex jeżerċita, għal finijiet ta' superviżjoni prudenzjali, disa' kompiti fir-rigward tal-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti. Il-qafas għall-eżerċizzju ta' dawn il-kompiti huwa previst fl-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1024/2013, intitolat "Kooperazzjoni fi ħdan il-MSU".

57. L-Artikolu 6(4) tar-Regolament Nru 1024/2013 jelenka l-kriterji sabiex jiġi stabbilit jekk l-eżerċizzju tad-disa' kompiti inkwistjoni għandux ikun ir-responsabbiltà tal-BĊE jew jekk l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhomx jgħinu lill-BĊE fit-twettiq tal-kompiti mogħtija lilu permezz tar-Regolament Nru 1024/2013[26]. Għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat fil-punt 40 tas-sentenza tat-8 ta' Mejju 2019, Landeskreditbank Baden-Württemberg vs BĊE (C-450/17 P, EU:C:2019:372) li "skont l-Artikolu 6(6) tar-Regolament Nru 1024/2013, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom iwettqu u huma inkarigati mill-kompiti msemmija fl-Artikolu 4(1)(b), (d) sa (g) u (i) ta' dan ir-regolament u għandhom is-setgħa li jieħdu d-deċiżjonijiet kollha rilevanti fil-qasam tas-superviżjoni fir-rigward tal-istituzzjonijiet ta' kreditu msemmija f'dan l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(4), jiġifieri dawk li, skont il-kriterji stabbiliti f'din l-aħħar dispożizzjoni, huma 'inqas sinjifikanti'".

58. Wieħed mill-parametri stabbiliti mill-Artikolu 6(4) tar-Regolament Nru 1024/2013 sabiex jiġi ddeterminat jekk istituzzjoni ta' kreditu hijiex "inqas sinjifikanti" huwa jekk il-valur totali tal-attiv tagħha jaqbiżx it-EUR 30 biljun. Dan il-limitu ta' EUR 30 biljun madankollu ma għandu ebda relazzjoni mal-limitu ta' EUR 8 biljun stabbilit mil-leġiżlatur Taljan u mill-Bank tal-Italja inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

59. Għalhekk, inqis li l-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 575/2013, l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 u l-Artikolu 6(4) tar-Regolament Nru 1024/2013 la jimponu u lanqas ma jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali li timponi limitu ta' attiv ta' EUR 8 biljun li lil hinn minnu bank popolari huwa obbligat li jittrasforma ruħu f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata.

c) Il-mertu tat-tieni parti tal-ewwel domanda u tar-raba' domanda

60. Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 575/2014 u l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 jipprekludux dispożizzjoni nazzjonali li tippermetti li bank popolari li ttrasforma ruħu f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata jiddifferixxi t-tifdija tal-azzjonijiet miżmuma minn soċju għal żmien indeterminat u li jillimita totalment jew parzjalment l-ammont relatat.

61. Peress li t-tieni parti tal-ewwel domanda u r-raba' domanda jikkonċernaw it-tnejn li huma r-regoli dwar it-tifdija ta' azzjonijiet miżmuma minn soċju f'bank popolari wara t-trasformazzjoni tiegħu f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata, jista' jkun opportun li dawn id-domandi jiġu ttrattati flimkien. Permezz tad-domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk u sa fejn bank popolari li ġie ttrasformat f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata għandux id-dritt, *inter alia*, skont l-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 575/2013 u l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014, li jillimita u jiddiferixxi t-tifdija tal-azzjonijiet.

26 Fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Mejju 2019, Landeskreditbank Baden-Württemberg vs BĊE (C-450/17 P, EU:C:2019:372), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jassistu lill-BĊE permezz ta' implimentazzjoni deċentralizzata ta' whud minn dawn il-kompiti fir-rigward tal-istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinjifikattiv.

62. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-intervenjenti kollha, ħlief OC *et*, jikkunsidraw li l-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 575/2013 u l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 ma jipprekludux dispożizzjoni nazzjonali bħal dik introdotta mill-Artikolu 1 tad-Digriet Liġi Nru 3/2015 (ikkonvertit, bl-emendi, permezz tal-Liġi Nru 33/2015), kif interpretat mill-Corte Costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali) fis-sentenza Nru 99/2018 tagħha, li tippermetti li bank popolari jiddiferixxi t-tifdija għal żmien indeterminat u li jillimita totalment jew parzjalment l-ammont relatat.

63. B'kuntrast, OC *et* iqisu li l-Artikoli 29 tar-Regolament Nru 575/2013 u l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali li tippermetti li bank popolari jiddifferixxi t-tifdija għal żmien indeterminat u li jillimita totalment jew parzjalment l-ammont relatat. Huma jqisu, b'mod partikolari, li t-terminu "għal perjodu illimitat ta' żmien" li jinsabu fit-tieni sentenza tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 ma jirreferux għall-possibbiltà li t-tifdija tiġi ddifferita, iżda biss għall-possibbiltà li l-ammont li għandu jiġi mifdi jiġi llimitat.

64. Id-domanda li għandha tiġi indirizzata hija għalhekk jekk u sa fejn istituzzjoni tista' tiddifferixxi t-tifdija ta' kapital għal żmien indeterminat u sa fejn hija tista' tillimita l-ammont li għandu jiġi mifdi. Nipproponi li din il-kwistjoni tiġi eżaminata fid-dawl, l-ewwel nett, tal-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 575/2013 u tal-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 u, it-tieni nett, tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament Nru 1024/2013 u, it-tielet nett, tal-Artikoli 16 u 17 tal-Karta.

1) L-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 575/2013 u l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 – Regoli dwar "Fondi proprji", b'mod partikolari, kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1

65. Fil-fehma tiegħi, sabiex tingħata interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 575/2013 u tal-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014, jeħtieġ mhux biss li tiġi eżaminata l-formulazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, iżda wkoll il-kuntest li jinsabu fih kif ukoll l-għanijiet imfittxija mir-regolamenti inkwistjoni [27].

66. Ir-Regolament Nru 575/2013 u d-Direttiva 2013/36 [28] jifformaw il-qafas ġuridiku li jirregola l-aċċess għall-attività, il-qafas superviżorju u r-regoli prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-kumpanniji ta' investiment [29] li huma kollettivament imsejħa fir-Regolament Nru 575/2013 bħala "istituzzjonijiet" [30]. Skont il-premessa 7 tiegħu, ir-Regolament Nru 575/2013 jinkludi, *inter alia*, ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet li huma relatati mal-funzjonament tas-swieq tas-servizzi bankarji u finanzjarji u li huma maħsuba sabiex jiżguraw l-istabbiltà finanzjarja tal-operaturi f'dawk is-swieq kif ukoll livell għoli ta' protezzjoni tal-investituri u d-depożituri.

67. Ir-Regolament Nru 575/2013 u d-Direttiva 2013/36 huma bbażati fuq il-miżuri finali ppubblikati mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS) f'Diċembru 2010, li huwa magħruf bħala l-qafas ta' Basel III [31]. Il-qafas ta' Basel III, li ġie adottat fil-bidu tal-kriżi finanzjarja globali tal-2007-2008, fittex li jindirizza ċerti nuqqasijiet fil-qafas regolatorju preċedenti għall-banek sabiex

27 Ara s-sentenza tal-21 ta' Mejju 2015, Rosselle (C-65/14, EU:C:2015:339, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU 2013 L 176, p. 338). Fil-punt 31 tas-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, VTB Bank (l-Awstrija) (C-52/17, EU:C:2018:648) il-qorti tiddikjara li "kif jirriżulta mill-premessa 2 tad-Direttiva 2013/36 u mill-premessa 5 tar-Regolament Nru 575/2013, din id-direttiva u dan ir-regolament, li għandhom jiġu moqrija flimkien, jipprovdu l-kuntest ġuridiku li jirregola, b'mod partikolari, is-superviżjoni u r-regoli superviżorji applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu". Nixtieq nosserva, madankollu, li mill-proċess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma jidhirx li d-Direttiva 2013/36 għandha xi rilevanza speċifika fil-kuntest tal-kawża prinċipali jew tad-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju.

29 Ara l-premessa 5 tar-Regolament Nru 575/2013.

30 Ara l-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 575/2013.

31 Ara l-premessa 1 tar-Regolament Nru 575/2013.

jagħmluhom iktar reżiljenti fi żminijiet ta' stress. Parti minn dik ir-riforma kienet tinkludi mhux biss iż-żieda tal-livell tar-rekwiżiti ta' kapital fuq il-banek iżda wkoll tirrikjedi titjib fil-kwalità tal-kapital tal-banek [32]. Dawn ir-rekwiżiti li jirregolaw kemm il-kwantità kif ukoll il-kwalità tal-kapital tal-banek ġew adottati sabiex jiġi żgurat li jkollhom il-kapaċità finanzjarja biex jassorbu ċerti livelli ta' riskju [33].

68. L-Artikolu 1(a) tar-Regolament Nru 575/2013 jipprovdi li dan ir-regolament jistabbilixxi regoli uniformi dwar ir-rekwiżiti ġenerali prudenzjali fir-rigward tal-"fondi proprji" ta' istituzzjoni. Skont l-Artikolu 4(1)(118) tar-Regolament Nru 575/2013, "'Fondi proprji' tfisser it-total ta' kapital ta' Grad 1 u kapital ta' Grad 2". Skont l-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 575/2003, il-"kapital ta' Grad 1 ta' istituzzjoni jikkonsisti fit-total tal-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 u kapital ta' Addizzjonali ta' Grad 1 tal-istituzzjoni".

69. L-Artikolu 26(1)(a) tar-Regolament Nru 575/2013 jipprovdi li l-istrumenti kapitali li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 28 jew, skont il-każ, fl-Artikolu 29, jikkwalifikaw bħala element ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1. L-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 575/2013, intitolat "Strumenti kapitali ta' soċjetajiet mutwali jew kooperattivi, istituzzjonijiet ta' tfaddil jew istituzzjonijiet simili f'elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1", jipprevedi li elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 għandhom jinkludu għandhom jinkludu kwalunkwe strument kapitali maħruġ minn tali entitajiet skont il-patti statutorji tagħha sakemm il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 28 jew fejn ikun il-każ, fl-Artikolu 29, ikunu ssodisfatti.

70. L-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 575/2013 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex l-istrumenti kapitali ta' *istituzzjoni* jkunu jistgħu jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 u l-Artikolu 29 ta' dan ir-regolament jipprevedi ċerti emendi għall-Artikolu 28 li għandhom ikunu ssodisfatti sabiex l-istrumenti kapitali maħruġa minn *assoċjazzjonijiet mutwali, minn soċjetajiet kooperattivi, minn istituzzjonijiet tat-tfaddil jew istituzzjonijiet simili* jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1. Barra minn hekk, l-Artikolu 30(a) tar-Regolament Nru 575/2013 jipprovdi li, meta l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 28 u fl-Artikolu 29 ta' dan ir-regolament ma jkunux issodisfatti, l-istrumenti inkwistjoni ma jibqgħux jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1.

71. Għaldaqstant, għandu jiġi enfasizzat li r-regoli dwar il-klassifikazzjoni tal-istrumenti kapitali maħruġa mill-assoċjazzjonijiet mutwali, mis-soċjetajiet kooperattivi, mill-istituzzjonijiet tat-tfaddil jew minn istituzzjonijiet simili bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 huma xi ftit differenti minn dawk applikabbli fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' strumenti kapitali tal-istituzzjonijiet.

72. Hija l-applikazzjoni ta' regoli dwar il-kwalifika ta' strumenti kapitali maħruġa minn assoċjazzjonijiet mutwali, minn soċjetajiet kooperattivi, minn istituzzjonijiet tat-tfaddil jew minn istituzzjonijiet simili bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 u, b'mod partikolari, l-Artikolu 29(2)(b) tar-Regolament Nru 575/2013 u l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014, li hija inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

73. Huwa ċar mill-Artikolu 28(1)(e) sa (g) tar-Regolament Nru 575/2013 li sabiex l-istrumenti kapitali jkunu jistgħu jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 dawn l-istrumenti għandhom ikunu perpetwi, l-ammont tal-kapital ma jistax jitnaqqas jew jiġi ripagat, ħlief, *inter alia*, fil-każ ta' likwidazzjoni tal-istituzzjoni u fejn id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti ma jistgħux jindikaw, *inter alia*, li l-ammont tal-kapital tal-istrumenti jitnaqqas jew jista' jkun li jitnaqqas jew jiġi ripagat ħlief fil-likwidazzjoni tal-istituzzjoni.

32 Ara l-premessa 1 tar-Regolament Nru 575/2013.

33 Pereżempju, skont l-Artikolu 92(1)(a) tar-Regolament Nru 575/2013, il-banek għandu jkollhom proporzjon tal-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' 4.5 %. Il-proporzjon tal-kapitali ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 huwa l-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni espressa bħala perċentwali tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju. Ara l-Artikolu 92(2)(a) tar-Regolament Nru 575/2013.

74. Minkejja dawn ir-regoli li jipprojbixxu, fil-fatt, it-tifdija ta' azzjonijiet, l-Artikolu 29(2) tar-Regolament Nru 575/2013 jinkludi regoli speċifiċi dwar it-tifdija tal-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 maħruġa minn assoċjazzjonijiet mutwali, minn soċjetajiet kooperattivi, minn istituzzjonijiet tat-tfaddil jew minn istituzzjonijiet simili.

75. Għalhekk, l-Artikolu 29(2)(a) tar-Regolament Nru 575/2013 jipprovdi li istituzzjoni *għandha tirrifjuta* li tifdi l-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 *sakemm tali rifjut ma jkunx ipprojbit jew eskluż skont id-dritt nazzjonali*. Mill-proċess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jidher li tali projbizzjoni fil-fatt tinsab fid-dritt Taljan u li l-Artikolu 29(2)(b) tar-Regolament Nru 575/2013, li jipprevedi, essenzjalment, li, jekk it-tifdija ma tistax tiġi rrifjutata "id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istumenti għandhom jagħtu l-kapaċità lill-istituzzjoni li tillimita t-tifdija tagħhom"[34] — tapplika għall-fatti fil-kawża prinċipali.

76. Ir-regoli dettaljati dwar dawn il-limitazzjonijiet huma previsti fl-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014, li ġie adottat mill-Kummissjoni fuq il-bażi tas-setgħa ddelegata lilha skont l-Artikolu 29(6) tar-Regolament Nru 575/2013[35].

77. Mill-ewwel sentenza tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 huwa ċar li l-kapaċità tal-assoċjazzjonijiet mutwali, tas-soċjetajiet kooperattivi, tal-istituzzjonijiet ta' tfaddil u tal-istituzzjonijiet simili sabiex jillimitaw it-tifdija ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 għandhom jinkludu *kemm* id-dritt li t-tifdija tiġi ddifferita *kif ukoll* id-dritt li l-ammont mifdi jiġi llimitat. Skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014, id-dritt li t-tifdija tiġi ddifferita u d-dritt li l-ammont li jista' jiġi mifdi jiġi limitat għandhom jiġu eżerċitati mill-istituzzjoni kkonċernata *skont l-Artikolu 10(3) ta' dan ir-regolament*. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 10(3) tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 jispeċifika li l-portata tal-limitazzjonijiet għal tifdija għandha tiġi ddeterminata fuq il-bażi tas-*sitwazzjoni prudenzjali tal-istituzzjoni fi kwalunkwe mument* u tindika ċertu numru ta' parametri jew ta' rekwiżiti[36] li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex ikun hemm it-tifdija.

78. Fil-fehma tiegħi, huwa ċar mill-Artikoli 29 tar-Regolament Nru 575/2013 u l-Artikoli 10(2) u (3) tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 li l-leġiżlatur tal-Unjoni kkunsidra li l-interess pubbliku, fl-iżgurar ta' salvagwardji prudenzjali xierqa fir-rigward tal-istituzzjoni ta' kreditu rilevanti jieħu l-preċedenza fuq l-interessi privati tas-soċji li jfittxu li jiksbu t-tifdija tal-azzjonijiet tagħhom. Għaldaqstant, it-tifdija tista' ssir biss f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014.

79. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li d-dritt li t-tifdija tiġi ddifferita jew limitata ma huwiex mingħajr kundizzjonijiet, huwa pjuttost suġġett għas-sitwazzjoni prudenzjali ta' istituzzjoni. Ladarba r-rekwiżiti prudenzjali tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 ikunu ssodisfatti bis-sħiħ, jista' jkun hemm it-tifdija.

34 Enfasi miżjuda. Nixtieq nosserva li jintuża biss it-terminu ġeneriku"limitu". Ma jsir ebda riferiment għall-possibbiltà li "jiddifferixxi" t-tifdija. Fil-fehma tiegħi, dan huwa għaliex il-possibbiltà ta' limitazzjoni tintegra l-possibbiltà ta' differiment.

35 Il-premessa 128 tar-Regolament Nru 575/2013 tipprevedi li "Il-Kummissjoni għandha tadotta abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji żviluppati mill-ABE fl-oqsma tal-assoċjazzjonijiet reċiproċi, is-soċjetajiet kooperattivi, l-istituzzjonijiet tat-tfaddil jew istituzzjonijiet simili […], permezz ta' atti ddelegati skont l-Artikolu 290 TFUE u f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 [tal-24 ta' Novembru 2010, li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU 2010, L 331, p. 12). Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni u l-ABE għandhom jiżguraw li dawn l-istandards u r-rekwiżiti jkunu jistgħu jiġu applikati mill-istituzzjonijiet kollha kkonċernati b'mod li jkun proporzjonali man-natura, mal-iskala u mal-kumplessità ta' dawn l-istituzzjonijiet u l-attivitajiet tagħhom".

36 Il-parametri jew ir-rekwiżiti indikati fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 ma humiex ta' natura limitata, u b'hekk jippermettu, fil-fehma tiegħi, li l-istituzzjoni kkonċernata tevalwa s-sitwazzjoni prudenzjali tagħha fuq il-bażi ta' parametri jew rekwiżiti oħra.

80. Fid-dawl tal-fatt li t-tifdija ta' azzjonijiet tista' sseħħ biss sa fejn is-sitwazzjoni prudenzjali ta' istituzzjoni "*fi kwalunkwe ħin*" [37] tippermetti dan, nikkunsidra li l-Artikolu 10(2) tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti li l-istituzzjoni kkonċernata tikkonforma ruħha ma' dan il-mandat fi kwalunkwe mument. Peress li s-sitwazzjoni prudenzjali ta' istituzzjoni ma hijiex statika u tista' tevolvi matul iż-żmien, nikkunsidra li l-leġiżlatur tal-Unjoni abbozza l-Artikolu 10(2) tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 b'mod wiesa' sabiex jagħti lill-istituzzjoni flessibbiltà biżżejjed sabiex tosserva r-rekwiżiti imposti mill-Artikolu 10(3) tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014. B'hekk, it-tifdija tal-azzjonijiet tista' tiġi ddifferita għal perijodu illimitat ta' żmien *sakemm* ir-rekwiżiti prudenzjali tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 jiġu ssodisfatti u li l-ammonti li għandhom jiġu mifdija jistgħu jkunu limitati wkoll f'dan ir-rigward [38].

81. Filwaqt li l-essenza tal-interessi patrimonjali tal-investituri fl-azzjonijiet relevanti għandha, naturalment, tiġi osservata, – wara kollox l-Artikolu 17(1) tal-Karta ma jeħtieġ xejn inqas - dawn l-investituri għandhom ukoll jitqiesu li huma konxji mill-fatt li l-investiment f'istituzzjoni ta' kreditu li topera f'suq irregolat ħafna skont it-termini tal-liċenzja bankarja tagħha jinvolvi r-restrizzjonijiet partikolari tiegħu. Hemm interess pubbliku ċar sabiex jiġi żgurat li investimenti fil-fondi proprji bażiċi ta' istituzzjoni ta' kreditu ma jiġux irtirati b'mod mhux mistenni, iktar u iktar fi żmien meta l-istabbiltà finanzjarja tal-istituzzjoni tista' titpoġġa taħt tensjoni jekk dans iseħħ. Dan huwa evidentement il-ħsieb wara d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014.

82. Inqis għalhekk li l-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 575/2013 u l-Artikolu 10(2) tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 ma jipprekludux dispożizzjoni nazzjonali li tippermetti li bank popolari jiddifferixxi t-tifdija għal perijodu illimitat ta' żmien u li jillimita, totalment jew parzjalment, l-ammont relatat sa tali żmien u sa fejn ir-rekwiżiti prudenzjali tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 huma ssodisfatti.

2) L-Artikolu 6(4) tar-Regolament Nru 1024/2013

83. Peress li l-Artikolu 6(4) tar-Regolament Nru 1024/2013 jistabbilixxi l-kriterji li jippermettu li jiġi ddeterminat jekk l-eżerċizzju tad-disa' kompiti elenkati fl-Artikolu 4(1) tal-istess regolament għandux ikun ir-responsabbiltà tal-BĊE jew jekk l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhomx pjuttost jassistu lill-BĊE fit-twettiq tal-kompiti mogħtija lilu mir-Regolament Nru 1024/2013, ma narax, u l-qorti tar-rinviju nnifisha ma spjegatx, ir-rilevanza ta' din id-dispożizzjoni fil-kuntest tat-tifdija tal-azzjonijiet skont l-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 575/2013 u l-Artikolu 10(2) u (3) tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014.

3) L-Artikoli 16 u 17 tal-Karta

84. Fil-punti 41 sa 46 tas-sentenza tat-22 ta' Jannar 2013, Sky Österreich (C-283/11, EU:C:2013:28), il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 16 tal-Karta tkopri l-libertà li tiġi eżerċitata attività ekonomika jew kummerċjali, il-libertà kuntrattwali u l-kompetizzjoni libera. Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-libertà ta' intrapriża ma hijiex dritt assolut, iżda għandha pjuttost titqies fid-dawl tal-funzjoni soċjali tagħha. Abbażi ta' din il-ġurisprudenza u fid-dawl ta' kliem l-Artikolu 16 tal-Karta, li jiddistingwi ruħu mill-kliem tal-libertajiet fundamentali l-oħra stabbiliti fit-Titolu II tagħha, filwaqt li huwa simili għal dak ta' ċerti dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tal-Karta, il-libertà ta' intrapriża tista' tiġi suġġetta għal firxa wiesgħa ta' interventi min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi li jistgħu jillimitaw l-eżerċizzju tal-attività ekonomika fl-interess pubbliku.

37 Ara l-Artikolu 10(3) tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014. Enfasi miżjuda.

38 Il-konformità ma' tali regoli tista' tiġi mistħarrġa mill-qrati nazzjonali sabiex jiġi żgurat li s-soċji ma jkunux "inġustament" marbuta.

85. Bis-saħħa tal-Artikolu 17(1) tal-Karta, kull persuna għandha d-dritt li tgawdi mill-proprjetà tal-beni tagħha li tkun akkwistat legalment, li tużahom, li tiddisponi minnhom u li tħallihom bħala wirt. L-ebda persuna ma tista' tiġi mċaħħda mill-proprjetà tagħha, ħlief fl-interess pubbliku u fil-każijiet u skont il-kundizzjonijiet previsti mil-liġi, bi ħlas ta' kumpens xieraq fi żmien utli għal dak li tkun tilfet. Barra minn hekk, l-użu tal-proprjetà jista' jiġi rregolat bil-liġi sa fejn ikun meħtieġ għall-interess pubbliku.

86. Peress li d-drittijiet iggarantiti mill-Artikoli 16 u 17(1) tal-Karta ma humiex assoluti, l-eżerċizzju tagħhom jista' jkun suġġett għal restrizzjonijiet iġġustifikati minn għanijiet ta' interess pubbliku imfittxija mill-Unjoni Ewropea. Skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta, kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti minn din il-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.

87. Sabiex jiġu evitati repetizzjonijiet, nipproponi li l-possibbiltà li d-drittijiet rikonoxxuti u protetti fl-Artikoli 16 u 17(1) tal-Karta jiġu limitati tiġi eżaminata fil-kuntest tat-tieni domanda flimkien mal-ġustifikazzjoni tar-restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment u/jew għall-moviment liberu tal-kapital [39].

C. It-tieni domanda

88. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tfittex li tivverifika jekk l-Artikolu 3 TFUE dwar il-kompetizzjoni fis-suq intern u l-Artikoli 63 *et seq* TFUE dwar il-moviment liberu tal-kapital jipprekludux dispożizzjonijiet nazzjonali li jimponu limitu ta' attiv fuq l-eżerċizzju ta' attivitajiet bankarji minn bank popolari u li jeżiġu li l-bank popolari inkwistjoni, jekk jaqbeż dan il-limitu, jiġi ttrasformat f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata.

89. Il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-appellanti fil-kawża prinċipali jikkunsidraw li l-limitu ta' EUR 8 biljun huwa inkompatibbli mar-regoli dwar is-suq intern u l-moviment liberu tal-kapital. Huma jqisu li tali limitu baxx ma jippermettix li jiġu ddefiniti mill-ġdid il-parametri tal-banek inkwistjoni b'mod li huwa verament konformi mal-għanijiet imfittxija minn dawn ir-regoli. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra, madankollu, li l-appellanti ma pprovdewx argumenti konvinċenti insostenn tal-pożizzjoni tagħhom li l-istruttura organizzattiva u funzjonali ta' bank popolari li d-dimensjonijiet li ma jibqax żgħir ma tippreġudikax l-osservanza sodisfaċenti tar-regoli prudenzjali applikabbli fis-settur inkwistjoni.

90. L-Unione di banche Italiane, il-Bank tal-Italja u Amber Capital iqisu li t-tieni domanda preliminari hija inammissibbli, peress li l-qorti tar-rinviju ma indikatx kif il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tirrestriġi l-libertà ta' moviment. Il-Gvern Taljan iqis li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tagħti risposta għal din id-domanda sa fejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni ma jikkonċernawx is-suq intern, iżda biss is-suq Taljan. Hija tqis li għandu jintwera li d-dispożizzjonijiet nazzjonali għandhom effett transkonfinali. Il-Kummissjoni tqis li t-tieni domanda hija inammissibbli fir-rigward tal-parti relatata mal-Artikolu 3 TFUE.

39 Waqt l-eżami tal-kwistjoni ta' jekk restrizzjoni imposta mid-dritt nazzjonali fuq il-moviment liberu tal-kapital jew fuq il-libertà ta' stabbiliment hijiex iġġustifikata fuq il-bażi, *inter alia*, ta' raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku, il-kompatibbiltà tad-dispożizzjoni kkontestata mad-dritt tal-Unjoni għandha tiġi eżaminata fid-dawl kemm tal-eċċezzjonijiet għall-moviment liberu tal-kapital jew għall-libertà ta' stabbiliment previsti mit-Trattat FUE kif ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, u tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta, min-naħa l-oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Mejju 2019, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Użufrutt fuq artijiet agrikoli) (C-235/17, EU:C:2019:432, punti 59 sa 66 u l-ġurisprudenza ċċitata).

91. Kif indikat il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha, ma huwiex ċar mit-talba għal deċiżjoni preliminari x'inhija r-rilevanza tal-Artikolu 3 TFUE fil-kuntest tat-tieni domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju. L-Artikolu 3(1)(a) TFUE jipprovdi li l-*Unjoni għandha kompetenza esklużiva* fl-istabbiliment tar-regoli ta' kompetizzjoni neċessarji għall-funzjonament tas-suq intern.

92. Konsegwentement, inqis li din il-parti tat-tieni domanda hija inammissibbli minħabba nuqqas ta' osservanza tal-Artikolu 94(c) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, peress li l-qorti tar-rinviju naqset milli tipprovdi dikjarazzjoni tar-raġunijiet li wassluha sabiex tistaqsi dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1)(a) TFUE kif ukoll dwar ir-relazzjoni bejn din id-dispożizzjoni u l-Artikolu 1 tad-Digriet-Liġi Nru 3/2015 (ikkonvertit, bl-emendi, permezz tal-Liġi Nru 33/2015) iċċitata mill-qorti tar-rinviju fit-tieni domanda tagħha.

93. Fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 63 *et seq* TFUE dwar il-moviment liberu tal-kapital mitluba mill-qorti tar-rinviju, dik il-qorti osservat li l-appellanti quddiemha kienu sostnew li l-implimentazzjoni ta' limitu baxx ta' attiv ta' EUR 8 biljun li, meta jinqabeż, jeħtieġ li bank popolari jittrasforma ruħu f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata biex iżomm l-attività bankarja tiegħu, jista' joħloq kundizzjonijiet sfavorevoli għaż-żamma ta' tali mudell organizzattiv u jqiegħed lill-banek popolari li jifdal – li għandhom joperaw f'limiti dimensjonali eċċessivament stretti - f'sitwazzjoni inqas favorevoli meta mqabbla ma' entitajiet oħra simili fi Stati Membri oħra.

94. Ma nistax nevita li nosserva li din il-parti tat-talba għal deċiżjoni preliminari dwar l-Artikolu 63 TFUE tidher li hija partikolarment lakonika.

95. Għandu jiġi rrilevat li l-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) għamel speċifikament riferiment għall-Artikolu 63 TFUE dwar il-moviment liberu tal-kapital fit-tieni domanda tiegħu. Madankollu, il-Kummissjoni nnotat li kemm l-Artikolu 49 TFUE dwar il-libertà ta' stabbiliment kif ukoll l-Artikolu 63 TFUE dwar il-moviment liberu tal-kapital jistgħu jkunu applikabbli, *in abstracto*, fir-rigward tar-regoli nazzjonali applikabbli għall-banek popolari. Madankollu, hija żiedet li, fid-dawl tal-karatteristiċi tal-banek popolari u, b'mod partikolari, tal-limitu massimu stabbilit fuq in-numru ta' azzjonijiet għal kull soċju, huwa diffiċli li wieħed jimmaġina kif l-Artikolu 49 TFUE jista' jkun applikabbli. Il-Gvern Taljan iqis li sa fejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni jirrigwardaw il-forma legali ta' istituzzjoni ta' kreditu, l-Artikolu 49 TFUE dwar il-libertà ta' stabbiliment ikun applikabbli jekk ikun hemm dimensjoni internazzjonali.

96. Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta b'mod ċar li, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-Artikolu 49 TFUE dwar il-libertà ta' stabbiliment u/jew l-Artikolu 63 TFUE dwar il-moviment liberu tal-kapital jistgħux ikunu applikabbli, l-għan tal-leġiżlazzjoni kkonċernata, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni [40].

97. Fil-punti 39 sa 44 tas-sentenza tal-11 ta' Novembru 2010, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-543/08, EU:C:2010:669), il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li d-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli għaż-żamma minn ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat ta' holding fil-kapital ta' kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor, li jippermettilhom jeżerċita influwenza ċerta fuq id-deċiżjonijiet tal-kumpannija u li jiddeterminaw l-attivitajiet tagħha, jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-Artikolu 49 TFUE dwar il-libertà ta' stabbiliment. L-investimenti diretti, jiġifieri, l-investimenti ta' kwalunkwe tip magħmula minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi u li jservu sabiex jistabbilixxu jew jinżammu relazzjonijiet fit-tul u diretti bejn il-persuni li jipprovdu l-kapital u l-kumpannija li għad-dispożizzjoni tagħha jitqiegħed dan il-kapital sabiex tiġi eżerċitata attività ekonomika jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 63 TFUE dwar il-moviment liberu tal-kapital. Dan l-għan jippreżupponi li l-azzjonijiet miżmuma mis-soċju jagħtuh il-possibbiltà li jipparteċipa effettivament fit-tmexxija ta' din il-kumpannija jew fil-kontroll tagħha. Leġiżlazzjoni

40 Ara s-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Fidelity Funds *et* (C-480/16, EU:C:2018:480, punt 33).

nazzjonali li ma hijiex intiża li tapplika biss għal dawk l-azzjonijiet li jippermettu li d-detentur ikollu influwenza ċerta fuq id-deċiżjonijiet ta' kumpannija u li jiddetermina l-attivitajiet tagħha, iżda li tapplika indipendentement mid-daqs tal-holding li l-azzjonist għandu f'kumpannija, tista' taqa kemm taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49 TFUE kif ukoll taħt dak tal-Artikolu 63 TFUE.

98. Fl-assenza ta' kriterji fit-talba għal deċiżjoni preliminari li jippermettuli li niddetermina liema miż-żewġ libertajiet fundamentali hija applikabbli, jew tabilħaqq jekk it-tnejn li huma ma humiex applikabbli, nipproponi li din id-domanda tiġi eżaminata fid-dawl kemm tal-Artikolu 49 TFUE kif ukoll tal-Artikolu 63 TFUE.

99. Fil-fehma tiegħi, dispożizzjonijiet nazzjonali li jimponu limitu ta' attiv fuq l-eżerċizzju ta' attivitajiet bankarji minn bank popolari u li jeħtieġu li l-istess bank jiġi ttrasformat f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata fil-każ li jaqbeż dan il-limitu – jew inkella li potenzjalment jaffaċja stralċ jew li jiġi mċaħħad mid-dritt li jeżerċita attivitajiet bankarji - jikkostitwixxu restrizzjoni kemm tal-libertà ta' stabbiliment kif ukoll tal-moviment liberu tal-kapital [41]. Tali dispożizzjonijiet huma ta' natura li jnaqqsu l-interess tal-investituri fl-Italja, fi Stati Membri oħra, u anki fi Stati terzi milli jiksbu sehem fil-kapital ta' bank popolari [42].

1. Ġustifikazzjoni

100. Restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment hija permissibbli biss jekk din hija ġġustifikata minn raġunijiet imperattivi fl-interess pubbliku [43]. Barra minn hekk, il-moviment liberu tal-kapital jista' jiġi limitat minn leġiżlazzjoni nazzjonali biss jekk dan ikun iġġustifikat minn waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 65 TFUE jew minn raġunijiet imperattivi fl-interess pubbliku kif iddefiniti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, sa fejn ma jeżistux miżuri ta' armonizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni li jiżguraw il-protezzjoni ta' dawn l-interessi.

101. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li d-drittijiet iggarantiti mill-Artikoli 16 u 17(1) tal-Karta ma humiex assoluti u li l-eżerċizzju tagħhom jista' jkun suġġett għal restrizzjonijiet iġġustifikati minn għanijiet ta' interess ġenerali mfittxija mill-Unjoni.

102. F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju indikat li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni jfittxu, minn naħa, li jistabbilixxu bilanċ ġust bejn il-forma ġuridika u d-dimensjonijiet ta' bank popolari u, min-naħa l-oħra, li josservaw ir-regoli prudenzjali tal-Unjoni [44]. Skont il-qorti tar-rinviju, dawn għalhekk għandhom l-għan li jagħmlu r-regoli dwar il-banek popolari nazzjonali iktar konsistenti mad-dinamiċi speċifiċi tas-suq Ewropew ta' riferiment, li jiggarantixxu iktar kompetittività lil dawn il-korpi u li jippromwovu iktar trasparenza fl-organizzazzjoni, fl-operat u fil-funzjonament tagħhom.

41 Skont ġurisprudenza stabbilita, għalkemm it-Trattat ma jiddefinixxix il-kunċetti ta' movimenti ta' kapital u ta' ħlasijiet, id-Direttiva tal-Kunsill 88/361/KEE tal-24 ta' Ġunju 1988 għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 67 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 1, p. 10), flimkien man-nomenklatura annessa magħha, tista' tintuża għall-finijiet tad-definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi moviment ta' kapital. Il-punti I u III tan-nomenklatura stipulata fl-Anness I tad-Direttiva 88/361, kif ukoll in-noti ta' spjegazzjoni li jidhru f'dan l-anness, jindikaw li l-investiment dirett taħt forma ta' parteċipazzjoni f'impriża permezz ta' parteċipazzjoni azzjonarja jew ix-xiri ta' titoli fis-suq tal-kapital jikkostitwixxu movimenti ta' kapital fis-sens ta' l-Artikolu 56 KE. In-noti ta' spjegazzjoni jirrilevaw li l-investiment dirett, huwa kkaratterizzat, b'mod partikolari, mill-possibbilità ta' parteċipazzjoni effettiva fit-tmexxija ta' kumpannija jew fil-kontroll tagħha. Ara s-sentenza tat-13 ta' Mejju 2003, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-463/00, EU:C:2003:272, punti 52 u 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 Dan huwa partikolarment il-każ minħabba l-fatt li l-investituri jistgħu, sussegwentement, jiltaqgħu ma' diffikultajiet sabiex jiksbu tifdija tal-investiment kapitali tagħhom fid-dawl tar-regoli li jinsabu fl-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 575/2013 u fl-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014.

43 Ara s-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2017, Polbud - Wykonawstwo (C-106/16, EU:C:2017:804, punt 52).

44 Din l-aħħar kwistjoni tikkonċerna, fil-fehma tiegħi, il-kwistjoni tat-tifdija tal-azzjonijiet iktar milli l-limitu ta' EUR 8 biljun. Fl-aħħar mill-aħħar, madankollu, inqis li dawn il-kwistjonijiet huma marbuta mill-qrib, minħabba li dawn jagħmlu parti mill-istess pakkett leġiżlattiv nazzjonali.

103. Fil-fehma tiegħi, ir-restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment u/jew għall-moviment liberu tal-kapital u d-drittijiet garantiti mill-Artikoli 16 u 17(1) tal-Karta li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni Taljana tal-2015 jistgħu, għall-inqas bħala prinċipju, ikunu ġġustifikati fuq ir-raġunijiet deskritti mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat)[45]. Kif diġà indikajt, ir-restrizzjonijiet inkwistjoni jidhru li huma mmirati biex jiżguraw il-governanza tajba u l-istabbiltà tas-settur bankarju kollu kemm hu fl-Italja u, b'mod partikolari, is-settur bankarju kooperattiv f'dak l-Istat Membru[46]. F'dak ir-rigward, l-importanza tal-istabbiltà tas-settur bankarju, u tabilħaqq, f'ċerti każijiet speċifiċi banek individwali, ġiet enfasizzata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-20 ta' Settembru 2016, Ledra Advertising *et* vs Il-Kummissjoni u l-BĊE (C-8/15 P sa C-10/15 P, EU:C:2016:701, punt 72)[47].

104. Jekk, kif sostnew l-appellanti quddiem il-qorti tar-rinviju, din ir-restrizzjoni dwar l-attiv massimu għandha implikazzjonijiet għan-negozju ta' banek kooperattivi, dan huwa verament mod ieħor sabiex jingħad li l-leġiżlatur Taljan stabbilixxa li dan il-mudell bankarju partikolari jippreżenta riskju prudenzjali għas-sistema bankarja tiegħu, b'tali mod li dawn il-banek għandhom jikkuntentaw ruħhom b'bażi kapitali baxxa. Għar-raġunijiet kollha li diġà esponejt, din hija deċiżjoni li, minn tal-inqas bħala prinċipju, il-leġiżlatur Taljan kellu d-dritt li jieħu. Barra minn hekk, l-interess pubbliku li jiġi ggarantit li l-kapital ta' bank ma jiġix irtirat b'mod mhux mistenni b'tali mod li dan — u, tabilħaqq, is-settur bankarju Taljan iktar wiesa' — jiġi espost għal instabbiltà prudenzjali, huwa, fil-fehma tiegħi, evidenti[48].

105. Madankollu, huwa neċessarju wkoll li r-restrizzjonijiet inkwistjoni, kemm jekk ikunu għal-libertà ta' stabbiliment jew għall-moviment liberu tal-kapital, kif ukoll jekk għad-drittijiet irrikonoxxuti u protetti mill-Artikoli 16 u 17(1) tal-Karta għandhom ikunu xierqa sabiex jiġi żgurat li l-għan inkwistjoni jintlaħaq u ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan[49].

106. Fl-aħħar mill-aħħar hija l-qorti nazzjonali, li hija l-unika waħda li għandha ġurisdizzjoni sabiex tevalwa l-fatti u tinterpreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali, li għandha tiddetermina jekk dawn ir-rekwiżiti ta' neċessità u proporzjonalità humiex issodisfatti fil-każ inkwistjoni.

107. Huwa ċar li l-Qorti tal-Ġustizzja, li hija mitluba tipprovdi risposti utli lill-qorti nazzjonali fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, tista' tipprovdi gwida, fid-dawl tal-proċess quddiemha, sabiex tippermetti li l-qorti tar-rinviju tiddeċiedi. Madankollu, fid-dawl tan-nuqqas ta' informazzjoni fil-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan il-punt, li huwa rifless fl-osservazzjonijiet limitati ħafna pprovduti mill-partijiet dwar dan il-punt — bla dubju minħabba li ħassew li d-domanda kienet inammissibbli jew li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni - ma nsibx ruħi kapaċi li nipprovdi ebda gwida reali dwar il-kwistjoni. Ninnota, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni tillimita ruħha li tiddikjara li l-limitu ta' EUR 8 biljun jidher li huwa ġġustifikat mit-tfittxija ta' governanza tajba u mill-funzjonament tajjeb tal-attività bankarja, li, min-naħa tagħhom, jikkontribwixxu għall-istabbiltà bankarja u finanzjarja. Il-Kummissjoni tqis li l-limitu ta' attiv ta' EUR 8 biljun ma huwiex irraġonevoli għall-finijiet li tiġi stabbilita distinzjoni neċessarja bejn il-banek żgħar, li fi ħdanhom il-mudell kooperattiv huwa realtà, u banek li huma ta' daqs medju jew kbir u li għalihom is-sistema legali applikabbli għall-banek popolari hija inadegwata.

45 Ara l-punti 9 u 103 ta' dawn il-konklużjonijiet.

46 Ara, pereżempju, il-punti 2 u 3 ta' dawn il-konklużjonijiet.

47 Ara, ukoll, is-sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, Kotnik *et* (C-526/14, EU:C:2016:570, punt 50).

48 Ara l-punt 82 ta' dawn il-konklużjonijiet.

49 Ara f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2017, Polbud - Wykonawstwo (C-106/16, EU:C:2017:804, punti 52 u 59). Fil-punt 60 tas-sentenza tal-21 ta' Mejju 2019, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Użufrutt fuq artijiet agrikoli) (C-235/17, EU:C:2019:432), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li miżura li tirrestrinġi dan il-moviment liberu tal-kapital tista' tkun iġġustifikata, *inter alia*, mir-raġunijiet previsti fl-Artikolu 65 TFUE sakemm tkun konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

108. Għalhekk, nikkunsidra li l-Artikoli 49 u 63 *et seq* TFUE, kif ukoll l-Artikoli 16 u 17(1) tal-Karta ma jipprekludux, bħala prinċipju, dispożizzjonijiet nazzjonali li jillimitaw l-eżerċizzju ta' attivitajiet bankarji kooperattivi fi ħdan limitu ta' attiv stabbilit, li jirrikjedi li l-bank ikkonċernat jiġi ttrasformat f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata jekk huwa jaqbeż l-imsemmi limitu, fil-każ fejn id-dispożizzjonijiet ġew adottati bil-għan li tiġi żgurata l-governanza tajba u l-istabbiltà tas-settur bankarju jew ta' taqsima partikolari tas-settur bankarju fi Stat Membru u li r-restrizzjoni imposta minn din id-dispożizzjoni tkun kemm neċessarja sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet kif ukoll ta' natura proporzjonata. Hija madankollu l-qorti tar-rinviju li għandha, fl-aħħar mill-aħħar, tevalwa n-neċessità u l-proporzjonalità ta' din il-miżura.

D. It-tielet domanda

109. Bit-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, jekk ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fl-Artikoli 107 *et seq* TFUE jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li teħtieġ li bank popolari jiġi trasformat f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata jekk jaqbeż ċertu limitu ta' attiv u li tistabbilixxi restrizzjonijiet għat-tifdija tal-azzjonijiet miżmuma minn soċji f'każ ta' rtirar, sabiex tiġi evitata l-eventwali likwidazzjoni tal-bank ittrasformat.

110. Il-qorti tar-rinviju tinnota li l-appellanti quddiemha jsostnu li huwa possibbli li d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jeħtieġu t-trasformazzjoni ta' bank popolari f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata fil-każ li jaqbeż ċertu limitu ta' attiv u li tipprevedi limitazzjonijiet fuq it-tifdija ta' azzjonijiet sabiex tevita li l-likwidazzjoni tal-bank ittrasformat, imorru kontra r-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

111. Il-Bank tal-Italja, Amber Capital, il-Gvern Taljan u l-Kummissjoni jikkunsidraw li l-miżura inkwistjoni ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat. OC *et* jikkunsidraw li l-possibbiltà li bank popolari li ġie ttrasformat f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata għandu li jipposponi b'mod indefinit (irrispettivament mill-ammont inkwistjoni) it-tifdija tal-azzjonijiet miżmuma minn soċju fil-każ ta' rtirar tipprovdi vantaġġ mhux dovut lill-bank ittrasformat, peress li jista' juża l-fondi inkwistjoni fin-negozju tiegħu.

112. Skont ġurisprudenza stabbilita, klassifikazzjoni ta' miżura bħala "għajnuna mill-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, teħtieġ li l-kundizzjonijiet segwenti jkunu *kollha* ssodisfatti. L-ewwel nett, għandu jkun hemm intervent tal-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat. It-tieni nett, dan l-intervent għandu jkun ta' natura li jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. It-tielet nett, dan għandu jagħti vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju. Ir-raba' nett, dan għandu joħloq distorsjoni jew jhedded li joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni [50].

113. Il-qorti tar-rinviju stess għandha d-dubji dwar jekk jistax jiġi argumentat li hemm għajnuna mill-Istat, peress li r-riżorsi inkwistjoni ma humiex pubbliċi, iżda privati, peress li joriġinaw mis-soċji tal-bank. Barra minn hekk, dik il-qorti tqis li ma jidhirx l-miżura inkwistjoni tissodisfa r-rekwiżit ta' selettività, peress li kull bank popolari affettwat mir-riforma huwa suġġett għar-regoli dwar il-limiti ta' tifdija.

114. L-ewwel nett, fir-rigward tal-kundizzjoni dwar l-intervent statali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat, fil-punti 20 sa 25 tas-sentenza tat-13 ta' Settembru 2017, ENEA (C-329/15, EU:C:2017:671), li, sabiex il-vantaġġi jkunu jistgħu jiġu kklassifikati bħala "għajnuna mill-Istat" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, huma għandhom jingħataw direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi tal-Istat u jkunu imputabbli lill-Istat. Għalhekk, sabiex ikun evalwat jekk miżura hijiex imputabbli lill-Istat, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk l-awtoritajiet pubbliċi kinux involuti fl-adozzjoni ta' din il-miżura. Barra minn hekk, il-kundizzjoni li għandu jkun hemm intervent tal-Istat jew permezz ta'

50 Ara s-sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, Azienda Napoletana Mobilità (C-659/17, EU:C:2019:633, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

riżorsi tal-Istat hija ssodisfatta mhux biss meta l-għajnuna hija mogħtija direttament mill-Istat iżda wkoll meta din tingħata minn organi pubbliċi jew privati istitwiti jew intiżi minn dan l-Istat sabiex jiġġestixxu l-għajnuna. Miżura tista' għalhekk taqa' fid-definizzjoni ta' "għajnuna", anki jekk ma timplikax trasferiment ta' riżorsi tal-Istat. Fil-fatt, l-Artikolu 107(1) TFUE jinkludi l-mezzi pekunjarji kollha li l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu effettivament jużaw sabiex isostnu l-impriżi, irrispettivament minn jekk dawn il-mezzi jkunux attiv permanenti tal-Istat jew le. Anki jekk l-ammonti korrispondenti għall-miżura tal-għajnuna ma humiex kontinwament fil-pussess tat-Teżor Pubbliku, il-fatt li dawn huma kontinwament taħt kontroll pubbliku, u għalhekk għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, huwa suffiċjenti sabiex jiġu kklassifikati bħala "riżorsi tal-Istat". Il-Qorti tal-Ġustizzja esponiet ukoll, madankollu, fil-punt 26 tas-sentenza tat-13 ta' Settembru 2017, ENEA (C-329/15, EU:C:2017:671), *inter alia*, li tali ċirkustanzi għandhom jitqiesu differenti minn dawk li fihom impriżi privati ma jkunux inkarigati mill-Istat sabiex jiġġestixxu riżorsi tal-Istat, iżda jkunu biss marbuta b'obbligu ta' xiri permezz tar-riżorsi finanzjarji rispettivi tagħhom.

115. Għalhekk, fil-punt 34 tas-sentenza tal-14 ta' Jannar 2015, Eventech (C-518/13, EU:C:2015:9), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li, għall-finijiet tal-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat, huwa neċessarju li tiġi stabbilita rabta suffiċjentement diretta bejn, minn naħa, il-vantaġġ mogħti lill-benefiċjarju u, min-naħa l-oħra, it-tnaqqis fil-baġit tal-Istat, jew riskju ekonomiku suffiċjentement konkret ta' piżijiet li jaqgħu taħt dan il-baġit.

116. L-erba' kundizzjonijiet meħtieġa mill-Artikolu 107(1) TFUE sabiex miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat huma kumulattivi. Il-fatt li l-qorti tar-rinviju nnifisha tindika li r-riżorsi inkwistjoni ma humiex *pubbliċi, iżda pjuttost ta' natura privata* peress li dawn joriġinaw mis-soċji tal-banek inkwistjoni, huwa, minnu nnifsu, ta' importanza determinanti, peress li, evidentement, ma jistax ikun hemm kwistjoni ta' għajnuna mill-Istat meta r-riżorsi inkwistjoni jkunu ta' natura privata. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nikkunsidra, abbażi tal-informazzjoni limitata ħafna pprovduta mill-qorti tar-rinviju li l-Artikoli 107 *et seq* TFUE ma jipprekludux dispożizzjonijiet nazzjonali li jimponu t-trasformazzjoni ta' bank popolari f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata jekk dan jaqbeż ċertu limitu ta' attiv u li jistabbilixxu restrizzjonijiet għat-tifdija tal-azzjonijiet miżmuma mis-soċju f'każ ta' rtirar, sabiex tiġi evitata l-eventwali likwidazzjoni tal-bank ittrasformat f'ċirkustanzi fejn l-ebda fondi pubbliċi ma huma inkwistjoni.

117. It-tieni nett, minħabba l-informazzjoni limitata li tinsab fit-talba għal deċiżjoni preliminari, ma nistax nevalwa jekk il-miżuri inkwistjoni humiex selettivi jew le. Jidher li l-qorti tar-rinviju tassumi li hija biss is-sitwazzjoni tal-bankijiet popolari *inter se* li għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-kwistjoni tas-selettività. It-talba għal deċiżjoni preliminari ma telaborax għaliex dan huwa l-każ. Jiena, madankollu, ma hinix ċert jekk banek jew istituzzjonijiet oħra jinsabux f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik tal-banek popolari. Fil-punt 54 tas-sentenza tagħha tal-21 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et* (C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-evalwazzjoni relatata mas-selettività tal-vantaġġ teħtieġ li jiġi ddeterminat jekk, fil-kuntest ta' sistema legali partikolari, miżura nazzjonali hijiex ta' natura li tiffavorixxi "ċerti impriżi jew [il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti]" fuq impriżi oħra, li, fid-dawl tal-għan imfittex mill-imsemmija sistema, ikunu jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali paragunabbli u li għaldaqstant jirċievu trattament differenzjat li essenzjalment jista' jiġi kklassifikat bħala diskriminatorju.

118. Għalhekk nikkunsidra li l-Artikoli 107 *et seq* TFUE dwar l-għajnuna mill-Istat ma jipprekludux dispożizzjoni nazzjonali li timponi t-trasformazzjoni ta' bank popolari f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata jekk dan jaqbeż ċertu limitu ta' attiv u li tistabbilixxi restrizzjonijiet fuq it-tifdija tal-azzjonijiet miżmuma mis-soċji f'każ ta' rtirar, sabiex tiġi evitata l-eventwali likwidazzjoni tal-bank ittrasformat, fejn ir-riżorsi inkwistjoni joriġinaw mis-soċji tal-bank inkwistjoni u huma għalhekk ta' natura privata iktar milli ta' natura pubblika.

E. Il-ħames domanda

119. Permezz tal-ħames domanda tiegħu, il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) jitlob, essenzjalment, li l-Qorti tal-Ġustizzja tevalwa l-kompatibbiltà tal-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 mal-Artikoli 16 u 17 tal-Karta.

120. Inqis li din id-domanda hija inammissibbli peress li tonqos milli tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 94(c) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-qorti tar-rinviju, apparti milli semmiet fil-qosor l-argumenti tal-appellanti dwar din il-kwistjoni, bl-ebda mod ma pprovdiet dikjarazzjoni tar-raġunijiet li wassluha sabiex tistaqsi dwar il-validità tal-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014.

121. F'dan ir-rigward, fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari l-qorti tar-rinviju sempliċement indikat li skont l-appellanti, minbarra l-kwistjoni tal-kompatibbiltà tad-9-il aġġornament taċ-Ċirkulari Nru 285 mal-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014, il-legalità ta' dan ir-regolament innifsu għandha tiġi eżaminata sa fejn l-applikazzjoni tiegħu tista' twassal għal esklużjoni sostanzjali tal-possibbiltà li tinkiseb tifdija ta' azzjonijiet mingħajr ebda dritt korrelattiv għal kumpens immedjat.

122. Barra minn hekk, peress li l-qorti tar-rinviju ma kkontestatx b'mod korrett il-validità tal-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014, din id-dispożizzjoni għandha tiġi preżunta valida u kompatibbli mal-Artikoli 16 u 17 tal-Karta [51]. F'dan ir-rigward, nikkunsidra li, fl-assenza ta' kwalunkwe evidenza jew tabilħaqq ta' argument kuntrarju mill-qorti tar-rinviju, il-limitazzjonijiet tad-drittijiet rikonoxxuti u protetti mill-Artikoli 16 u 17 tal-Karta imposti mir-regoli u min-normi prudenzjali previsti fl-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 huma preżunti fl-interess pubbliku u li josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità.

VI. Konklużjoni

123. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dak kollu li ġie espost iktar 'il fuq, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li d-domandi magħmula huma ammissibbli, fil-fehma tiegħi il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja) kif ġej:

(1) L-Artikolu 29 tar- Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 241/2014 tas-7 ta' Jannar 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-fondi proprji tal-istituzzjonijiet u l-Artikolu 6(4) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, la jimponu u lanqas ma jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali li timponi limitu ta' attiv ta' EUR 8 biljun li lil hinn minnu bank popolari huwa obbligat li jittrasforma ruħu f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata.

2) L-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 575/2013 u l-Artikolu 10(2) tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 ma jipprekludux dispożizzjoni nazzjonali li tippermetti li bank popolari jiddifferixxi t-tifdija għal perijodu illimitat ta' żmien u li jillimita, totalment jew parzjalment, l-ammont relatat sa tali żmien u sa fejn ir-rekwiżiti prudenzjali tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament ta' Delega Nru 241/2014 huma ssodisfatti.

51 Fil-punt 39 tas-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2012, CIVAD (C-533/10, EU:C:2012:347), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li "l-atti tal-istituzzjonijiet, organi u entitajiet tal-Unjoni jgawdu minn preżunzjoni ta' validità u dan jimplika li dawn jipproduċu effetti legali sakemm ma jiġux irtirati, annullati fil-kuntest ta' rikors għal annullament jew iddikjarati invalidi b'riżultat ta' rinviju preliminari jew eċċezzjoni ta' illegalità".

(3) L-Artikoli 49 u 63 *et seq* TFUE u l-Artikolu 16 u l-Artikolu 17(1) tal-Karta ma jipprekludux dispożizzjonijiet nazzjonali li jillimitaw l-eżerċizzju ta' attivitajiet bankarji kooperattivi fi ħdan limitu ta' attiv stabbilit, li jirrikjedi li l-bank ikkonċernat jiġi ttrasformat f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata jekk huwa jaqbeż l-imsemmi limitu fil-każ fejn id-dispożizzjonijiet ġew adottati bil-għan li tiġi żgurata l-governanza tajba u l-istabbiltà tas-settur bankarju jew ta' taqsima partikolari tas-settur bankarju fi Stat Membru u li r-restrizzjoni imposta minn din id-dispożizzjoni tkun kemm neċessarja sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet kif ukoll ta' natura proporzjonata.

(4) L-Artikoli 107 *et seq* TFUE dwar l-għajnuna mill-Istat ma jipprekludix dispożizzjoni nazzjonali li timponi t-trasformazzjoni ta' bank popolari f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata jekk dan jaqbeż ċertu limitu ta' attiv u li tistabbilixxi restrizzjonijiet fuq it-tifdija tal-azzjonijiet miżmuma mis-soċji f'każ ta' rtirar, sabiex tiġi evitata l-eventwali likwidazzjoni tal-bank ittrasformat, fejn ir-riżorsi inkwistjoni joriġinaw mis-soċji tal-bank inkwistjoni u huma għalhekk ta' natura privata iktar milli ta' natura pubblika.